# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2116

**tas-27 ta' Lulju 2017**

**dwar skema ta' għajnuna Nru SA.38398 (2016/C, ex 2015/E) implimentata minn Franza — Taxxa tal-portijiet fi Franza**

*(notifikata bid-dokument C(2017) 5176)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li l-partijiet interessati ġew mistiedna jressqu l-kummenti tagħhom skont dawn l-Artikoli ([1]) u wara li ġew ikkunsidrati dawn il-kummenti,

billi:

## 1. PROĊEDURA

(1) Fit-3 ta' Lulju 2013, is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu kwestjonarju lill-Istati Membri kollha dwar it-tħaddim u t-taxxa tal-portijiet tagħhom sabiex jiksbu ħarsa ġenerali f'dan ir-rigward u sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni tal-portijiet fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet Franċiżi rrispondew b'ittra elettronika fil-25 ta' Ottubru 2013. Bl-ittra tat-3 ta' Frar 2014, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu informazzjoni supplementari dwar ir-regoli relatati mat-taxxa Franċiża fuq il-kumpaniji applikabbli għall-portijiet. L-awtoritajiet Franċiżi pprovdew risposta b'ittra tal-1 ta' April 2014.

(2) Bl-ittra tad-9 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Franċiżi, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 ([2]) (minn hawn 'il quddiem ir-"Regoli ta' Proċedura"), bl-evalwazzjoni preliminari tagħha tar-regoli Franċiżi relatati mat-taxxa tal-portijiet. Din l-ittra indikat li l-Kummissjoni kkwalifikat dawn ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat eżistenti u speċifikat ir-raġunijiet li għalihom hija tqis li dawn huma inkompatibbli mas-suq intern. Il-Kummissjoni tat lill-awtoritajiet Franċiżi l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar din l-evalwazzjoni preliminari. L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw il-kummenti tagħhom permezz ta' ittra tas-7 ta' Novembru 2014. Fit-12 ta' Diċembru 2014, saret laqgħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi. Fil-15 ta' Jannar 2015, dawn tal-aħħar bagħtu kummenti supplementari lill-Kummissjoni. B'ittra tal-1 ta' Ġunju 2015, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lill-awtoritajiet Franċiżi li f'dan l-istadju huma kienu se jżommu l-istess opinjoni preliminari espressa fl-ittra tad-9 ta' Lulju 2014.

(3) B'ittra tal-21 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni kkonfermat il-pożizzjoni tagħha u pproponiet lill-awtoritajiet Franċiżi, skont l-Artikolu 108(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE") u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura, l-abolizzjoni, permezz ta' miżuri xierqa, tal-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva (minn hawn 'il quddiem "IS") għall-benefiċċju tal-portijiet għall-ammont tad-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi tagħhom mill-bidu tas-sena fiskali 2017. L-awtoritajiet Franċiżi kienu mistiedna jagħtu opinjoni fi żmien xahrejn, inkondizzjonalment u mingħajr ambigwità, dwar il-proposta tal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 23(1) tar-Regoli ta' Proċedura.

(4) B'ittra tal-11 ta' April 2016, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu l-kummenti tagħhom lill-Kummissjoni. Fis-27 ta' Ġunju 2016, ġiet organizzata laqgħa bejn l-awtoritajiet Franċiżi u s-servizzi tal-Kummissjoni.

(5) Minħabba li r-risposta tal-awtoritajiet Franċiżi ma kinitx tikkostitwixxi aċċettazzjoni inkondizzjonata u mingħajr ambigwità tal-proposta għal miżuri xierqa, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'ittra tat-8 ta' Lulju 2016, li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, skont l-Artikolu 23(2), tar-Regoli ta' Proċedura. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura kienet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lil Franza tippreżenta l-kummenti tagħha dwar il-kontenut tad-deċiżjoni. Hija stiednet ukoll lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni.

([1]) ĠU C 302, 19.8.2016, p. 23.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).
([3]) ĠU C 302, 19.8.2016, p. 23.

(6) Franza ssottomettiet il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni permezz ta' ittra tad-19 ta' Settembru 2016.

(7) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar dan mill-partijiet interessati li ġejjin: portijiet marittimi kbar tal-metropoli (Le Havre, Rouen, Dunkirk) u dawk *extra*-Ewropej (Guyane, Guadeloupe), Kmamar tal-Kummerċ u tal-Industrija (minn hawn 'il quddiem "KKI"), entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet (KKI ta' Brest, KKI ta' Bayonne Pays Basque), assoċjazzjonijiet professjonali jew rappreżentanti tal-portijiet u tad-dinja tal-baħar b'mod ġenerali (Assoċjazzjoni Franċiża tal-portijiet interni (minn hawn 'il quddiem "AFPI"), il-Kumitat ta' Kollegament għall-promozzjoni tal-passaġġ fuq l-ilma/Provoideau, l-Unjoni tal-portijiet ta' Franza (minn hawn 'il quddiem "UPF"), l-Istitut Franċiż tal-baħar), kollettivitajiet territorjali (id-dipartiment ta' Gaudeloupe, ir-reġjun ta' Gaudeloupe, ir-reġjun ta' Bretagne) u l-port ta' Rotterdam, li jaġixxu f'isem il-ħames portijiet marittimi pubbliċi Netherlandiżi.

(8) Il-Kummissjoni bagħtet dawn il-kummenti lil Franza, li ngħatat l-opportunità li tirrispondi. Hija rċeviet il-kummenti ta' Franza b'ittra tat-3 ta' Novembru 2016. Fis-16 ta' Novembru 2016, ġiet organizzata laqgħa bejn l-awtoritajiet Franċiżi u s-servizzi tal-Kummissjoni.

## 2. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA U TAL-KUNTEST TAGĦHA**

### 2.1. **Is-sjieda u l-operat tal-portijiet fi Franza**

(9) Is-sistema tal-portijiet Franċiżi (portijiet tas-sajd, portijiet kummerċjali u marini) hija magħmula minn portijiet li jappartjenu għall-Istat (minn naħa l-portijiet marittimi kbar, minn hawn 'il quddiem "PMK", preċedentement magħrufa bħala "portijiet awtonomi"; min-naħa l-oħra l-portijiet fuq l-ilmijiet interni kbar, b'mod partikolari l-portijiet awtonomi ta' Pariġi u ta' Strasburgu) u l-portijiet li jappartjenu għall-kollettivitajiet territorjali. Għalkemm Franza tinnota li l-miżura inkwistjoni hija bbażata fuq il-portijiet tas-sajd u l-portijiet kummerċjali, il-marini jistgħu jiġu operati minn entitajiet li huma koperti mill-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva (bħall-KKI) u għalhekk il-proċedura tirrigwardahom.

(10) Il-PMK, li sa qabel ir-riforma tal-2008 kienu magħrufa bħala "portijiet awtonomi" ([4]), huma stabbilimenti pubbliċi tal-Istat. Huma jimmaniġġaw aktar minn 80 % tal-flussi tat-traffiku marittimu tal-merkanzija Franċiż. Skont Franza, il-PMK iwettqu l-kompiti li ġejjin: regolazzjoni u pulizija tat-traffiku marittimu fiż-żoni tal-portijiet u l-aċċess tagħhom, permezz ta' kaptani, ippjanar u manutenzjoni tal-infrastrutturi tal-portijiet, ġestjoni u valorizzazzjoni tas-settur tal-portijiet, promozzjoni ġenerali tal-portijiet, l-iżvilupp tal-għoti ta' servizzi tal-portijiet u ta' servizzi ferrovjarji u fuq l-ilmijiet interni. Huma mgħammra bl-awtonomija finanzjarja.

(11) L-operat tal-PMK hija r-responsabbiltà tal-Istat. Huma jingħatalhom kontabilista pubbliku u jiġu kkontrollati minn rappreżentanti tal-Istat. Franza tinnota li, sa mir-riforma tal-2008 li ttrasferiet l-attivitajiet ta' manutenzjoni lis-settur privat, il-kompiti tal-PMK ġew iffukati mill-ġdid fuq l-attivitajiet ta' sigurtà, ta' sikurezza u ta' pulizja tal-portijiet, minn naħa, u fuq il-funzjonijiet tal-pjanifikatur tas-settur tal-portijiet, min-naħa l-oħra. Issa l-portijiet huma sidien tas-settur tagħhom.

(12) Il-portijiet awtonomi fuq l-ilmijiet interni, jiġifieri l-Port awtonomu ta' Pariġi u l-Port awtonomu ta' Strasburgu jiġu operati minn stabbilimenti pubbliċi tal-Istat. Il-portijiet fuq l-ilmijiet interni l-oħrajn jiġu ġestiti minn konċessjonarji (KKI b'mod ġenerali).

(13) Il-portijiet li jappartjenu għall-kollettivitajiet territorjali, magħrufa bħala portijiet deċentralizzati, huma kkontrollati mill-kollettivitajiet u ġeneralment l-operat tagħhom huwa fdat lil KKI jew lil Kmamar tal-Kummerċ Marittimi ([5]). Skont Franza, ġeneralment dawn il-portijiet huma ta' daqs medju u jippreżentaw sfidi fil-livell lokali.

### 2.2. **Regoli relatati mat-taxxa korporattiva applikabbli għall-portijiet**

(14) Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 205, tal-Artikolu 206(1) u tal-Artikolu 1654 tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (minn hawn 'il quddiem il-"KĠT"), persuni ġuridiċi rregolati bil-liġi privata jew bil-liġi pubblika li jinnegozjaw jew li jwettqu operazzjonijiet bi skop ta' qligħ huma soġġetti għat-taxxa korporattiva. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 165 tal-Anness 4 tal-KĠT, l-istabbilimenti pubbliċi ta' natura industrijali jew kummerċjali huma soġġetti għat-tassazzjoni diretta u t-taxxi assimilati kollha applikabbli għall-impriżi privati simili. L-Artikolu 167 tal-Anness 4 fl-istess Kodiċi jispeċifika li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw b'mod partikolari għal *"kmamar tal-kummerċ u tal-industrija"* u għal *"portijiet awtonomi"* (li fl-2008 saru portijiet marittimi kbar, ħlief ċerti portijiet bħall-portijiet awtonomi fuq l-ilmijiet interni ta' Pariġi u ta' Strasburgu,).

([4]) Ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 dwar il-miżura SA.27106 (C 13/09 — ex N 614/08) li Franza bihsiebha twettaq fir-rigward tas-settur tal-portijiet (ĠU L 221, 27.8.2011, p. 8).

([5]) Il-Kmamar tal-Kummerċ li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab f'belt marittima u l-kmamar tal-kummerċ li, tkun xi tkun is-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, huma konċessjonarji ta' għodda pubblika f'port marittimu.

(15) Madankollu, id-deċiżjonijiet ministerjali tal-11 ta' Awwissu 1942 u tas-27 ta' April 1943 ([6]) eżentaw lill-"portijiet awtonomi, il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jimmaniġġaw il-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda" mit-taxxa korporattiva. Din l-eżenzjoni tikkonċerna, b'mod ġenerali, il-"bini u s-servizzi [kollha] meħtieġa għall-operat tal-portijiet jew li jiddependu direttament minn dan l-operat". Id-dokumentazzjoni fiskali tispeċifika "li jeħtieġ li din id-deċiżjoni [deċiżjoni tal-11 ta' Awwissu 1942] tiġi applikata b'mod liberali u l-eżenzjoni mit-taxxa tinżamm mhux biss għas-servizzi li n-natura marittima tagħhom hija inkontestabbli, iżda wkoll għall-bini ta' kmamar tal-kummerċ marittimi, li minkejja li fil-prattika mhumiex faċilitajiet tal-portijiet, huma marbuta madankollu mal-operat ta' port li mingħajru huma ma jkollhomx l-iskop tagħhom" u li l-"prodotti finanzjarji previsti mill-portijiet awtonomi u l-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija marittimi fir-rigward tal-istabbiliment ta' somom li ġejjin mill-operat tal-installazzjonijiet industrijali u kummerċjali marittimi" huma wkoll eżentati mit-taxxa korporattiva.

## 3. RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURI TA' INVESTIGAZZJONIJIET FORMALI

(16) Fl-ittra tagħha tat-8 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni kkumentat li l-awtoritajiet Franċiżi ma aċċettawx l-iskeda għall-implimentazzjoni tal-miżuri xierqa stabbilita fl-ittra tagħha tal-21 ta' Jannar 2016 u li, filwaqt li fil-preambolu indikat li fil-prinċipju l-miżuri proposti mill-Kummissjoni ma ġewx ikkontestati, huma dehru li ddubitaw il-klassifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat adottata mill-Kummissjoni għall-portijiet iż-żgħar. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-awtoritajiet Franċiżi ma aċċettawx inkondizzjonalment, mingħajr ambigwità u fit-totalità tagħhom, il-miżuri xierqa proposti mill-Kummissjoni fil-21 ta' Jannar 2016.

(17) Sa fejn il-Kummissjoni baqet dejjem tqis li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva għall-benefiċċju tal-portijiet, minħabba l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat eżistenti u li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din l-iskema ta' għajnuna mas-suq intern, hija ddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, skont l-Artikolu 23(2) tar-Regoli ta' Proċedura.

## 4. IL-KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET FRANĊIŻI U TAL-PARTIJIET INTERESSATI WARA L-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

### 4.1. Impriżi/attivitajiet ekonomiċi

(18) Ċerti operaturi ta' portijiet marittimi Franċiżi u rappreżentanti ta' entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet, prinċipalment il-PMK ta' Havre, il-KKI ta' Brest u l-UPF iqisu li, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-portijiet mhumiex "impriżi". L-awtoritajiet Franċiżi jaqblu dwar dan ir-raġunament u jżidu li l-portijiet "mhumiex impriżi bħall-oħrajn", iżda "atturi fis-servizz ta' impriżi oħrajn" u li "l-fatt li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ppreveda artikolu ad hoc [l-artikolu 93] biex jindirizza l-għajnuna mill-Istat fit-trasport, juri li l-leġiżlatur Ewropew jixtieq iqis dan ir-rekwiżit".

#### 4.1.1. *Attivitajiet ta' interess ġenerali jew relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istat*

(19) Skont il-KKI ta' Brest, il-portijiet għandhom attività ta' servizz ta' interess ġenerali (SIĠ) mhux ekonomiku u l-awtorità pubblika għandu jkollha l-unika responsabbiltà biex tiddefinixxi l-limitu tal-attivitajiet ta' interess ġenerali. L-Artikolu 107(1) TFUE ma japplikax meta l-Istat jaġixxi "billi jeżerċita setgħa pubblika", kif inhu l-każ għall-portijiet li għandhom attivitajiet ta' infurzar iddelegati b'mod legali mill-Istat. Skont il-KKI ta' Brest, id-deċiżjonijiet ministerjali tal-11 ta' Awwissu 1942 u tas-27 ta' April 1943 japplikaw l-Artikolu 165 tal-Anness 4 tal-KĠT u jirrikonoxxu li l-attivitajiet tal-portijiet ma jiġġenerawx qligħ.

(20) L-UPF u l-PMK ta' Havre żiedu li ċerti portijiet Franċiżi huma faċilitajiet ta' importanza vitali "li n-nuqqas ta' disponibbiltà tagħhom jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-potenzjal ta' gwerra jew il-potenzjal ekonomiku, is-sigurtà jew il-kapaċità ta' sopravivenza tan-nazzjon" skont l-Artikolu L. 1332-1 tal-Kodiċi tad-Difiża, b'tali mod li jikkostitwixxu infrastrutturi maħsuba għal attivitajiet relatati ma' funzjonijiet essenzjali tal-Istat.

(21) B'referenza għall-Kawża C-276/97, il-PMK ta' Havre jenfasizza li l-PMK huma korpi rregolati bil-liġi pubblika li joperaw fil-qafas tal-iskema speċifika fir-rigward tal-ħolqien, il-kontroll, il-governanza u d-dħul. Bħala "korpi rregolati bil-liġi pubblika" li joperaw "bħala awtoritajiet pubbliċi", il-PMK għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet mill-VAT previsti fl-Artikolu 4(5), tas-sitt Direttiva tal-VAT.

([6]) Ara d-dokumentazzjoni fiskali Franċiża BOI-IS-CHAMP-30-60, il-paragrafu 230 u ta' wara.

(22) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Franċiżi u diversi entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet iqisu li l-operazzjonijiet ta' tħammil, kemm dawk li jsiru fil-portijiet kif ukoll dawk li jsiru barra mill-portijiet, mhumiex ekonomiċi u li l-Kummissjoni indikat dan, f'deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2004 fid-dokument N520/200[3] (***) ([7]) (minn hawn 'il quddiem "id-deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2004"). Huma jispjegaw li din l-attività tippermetti t-twettiq ta' servizzi fit-terminali kollha u hija meħtieġa biex tiżgura li kull operatur li jkollu bżonnha jkollu aċċess sikur, għall-kanali u għaż-żoni tal-ilma tal-port, u b'hekk tippermetti l-moviment liberu tal-bastimenti kollha. It-tħammil se jibbenefika mingħajr distinzjoni lill-operaturi kollha tat-territorju ta' utilità regolata u għalhekk lill-komunità marittima fit-totalità tagħha.

4.1.2. *Attivitajiet li mhumiex ekonomiċi*

(23) Il-PMK ta' Havre jinnota li l-istruttura tat-taxxi tal-portijiet hija ddeterminata fil-livell nazzjonali u li fil-Kawża C-343/95, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti importanza għall-fatt li r-royalties huma approvati mill-awtorità pubblika. Huwa jqis li l-kompiti kollha fdati lill-PMK mill-Artikolu L. 5312-2 tal-Kodiċi tat-Trasport mhumiex ta' natura ekonomika skont il-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, l-aktar id-deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2004 u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt 17, ittri a) u f), tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2016 dwar il-kunċett tal-għajnuna mill-Istat ([8]) (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni tad-19 ta' Lulju 2016"). Huwa jqis li, sa mir-riforma tal-2008, il-PMK setgħu jużaw l-għodda pubblika b'mod eċċezzjonali biss. Din hija l-unika attività li possibbilment setgħet titqies bħala attività ekonomika.

(24) Il-PMK ta' Havre u l-KKI ta' Brest iqisu li kwalunkwe attività ekonomika residwa tal-portijiet, fi kwalunkwe każ se tiġi kklassifikata bħala anċillari, bir-riżultat li tali attività ma titqiesx bħala ekonomika taħt il-punti 18 u 207 tal-Komunikazzjoni tad-19 ta' Lulju 2016.

(25) L-AFPI tinnota li, għall-portijiet, l-iżgurar ta' redditu fuq l-investiment, li huwa għan deċiżiv fl-għażliet ta' investiment ta' impriża klassika, huwa ta' importanza sekondarja wara l-interess ġenerali. L-AFPI tqis li, fid-deċiżjoni tal-20 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li l-proġetti ta' infrastruttura tal-portijiet "qatt mhu se jitwettqu fuq bażi purament kummerċjali". Hija żżid tgħid li d-dritt tal-kompetizzjoni għandu japplika biss għall-impriżi bi skop ta' qligħ jew bi skopijiet kummerċjali u li l-profitti magħmula mill-portijiet interni (portijiet fuq l-ilmijiet interni), li ma għandhomx azzjonisti, jiġu investiti mill-ġdid sistematikament.

## 4.2. **Vantaġġ ekonomiku**

(26) Diversi operaturi tal-portijiet marittimi Franċiżi u r-rappreżentanti tal-operaturi tal-portijiet interni jqisu li l-miżura inkwisjtoni tikkumpensa l-kompiti fdati lill-portijiet mill-awtoritajiet pubbliċi. Il-PMK ta' Dunkirk jsostni li l-ispiża ta' dawn il-kompiti taqbeż sistematikament il-ħlasijiet teoretiċi ta' taxxa korporattiva. Għalhekk, l-eżenzjoni mit-taxxa ma tagħtix vantaġġ ekonomiku lill-portijiet.

## 4.3. **Selettività**

(27) L-awtoritajiet Franċiżi u diversi operaturi tal-portijiet marittimi Franċiżi jqisu li l-miżura mhijiex selettiva minħabba li din ilha tapplika għall-portijiet Franċiżi kollha u tagħmel parti integrali mis-sistema fiskali Franċiża għal aktar minn 70 sena.

(28) Huma jżidu li l-Kummissjoni ma ppruvatx kif il-portijiet jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli għal dik ta' kumpaniji oħrajn u jindikaw li skont id-dritt nazzjonali, il-portijiet jipprovdu l-kundizzjonijiet operatorji meħtieġa għall-operaturi tat-trasport sabiex iwettqu l-kompiti tagħhom, mingħajr ma jikkompetu ma' dawn tal-aħħar jew jeħdulhom posthom, u għandhom jiżguraw l-kompiti li jikkostitwixxu obbligi pubbliċi jew li jaqgħu fil-prerogattivi ta' awtorità pubblika. Il-PMK ta' Havre jispeċifika li l-proporzjon kbir tat-taxxi tal-port fil-baġit tal-portijiet, il-firxa tal-kontroll tal-Istat fuq il-PMK u l-fatt li ma jkunx hemm "operaturi li jaġixxu f'kundizzjonijiet ekonomiċi normali […] b'kont meħud tal-monopolju legali mwettaq mill-PMK dwar il-ġestjoni tal-portijiet" jiddistingwuhom minn operaturi oħrajn. Għar-reġjun ta' Bretagne, il-fatt li ċerti portijiet żgħar huma mmexxija minn KKI juru li dawn jinsabu f'sitwazzjoni differenti.

(***) Korrezzjoni ta' żball klerikali.
([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2004 dwar il-każ tal-għajnuna mill-Istat Nru 520/2003 — il-Belġju — Appoġġ finanzjarju għal xogħlijiet ta' infrastruttura għal Portijiet Fjammingi, premessa 35 (ĠU C 176, 16.7.2005, p. 11).
([8]) ĠU C 262, 19.7.2016, p. 1.

(29) Il-KKI ta' Brest, entità tal-ġestjoni tal-port ta' Brest, u l-PMK ta' Havre jinnotaw li l-bażi tal-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva għall-portijiet għandha tkun l-Artikolu 165 tal-Anness 4 tal-KĠT, sakemm il-portijiet ma jkunux involuti f'attivitajiet bi skop ta' qligħ li jistgħu jaqgħu taħt it-taxxa korporattiva. Għalhekk, id-deċiżjonijiet ministerjali tal-11 ta' Awwissu 1942 u tas-27 ta' April 1943, ikkonfermaw biss l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 165 tal-Anness 4 u l-Artikoli 205 u 206 tal-KĠT għall-portijiet.

(30) Billi jirreferu għall-Kunsill kostituzzjonali Franċiż li jqis li l-prinċipju tal-ugwaljanza quddiem it-taxxa jista' jiġi rtirat, sakemm il-leġiżlatur jibbaża d-differenzi tat-trattament fuq kriterji oġġettivi u razzjonali skont l-għanijiet segwiti mill-miżura u dment li din ma tikkawżax ksur ikkaratterizzat tal-ugwaljanza fir-rigward tal-obbligi pubbliċi (id-Deċiżjoni Nru 2012-238 QPC tal-20 ta' April 2012 ([9])), diversi operaturi tal-portijiet marittimi Franċiżi jsostnu wkoll li l-miżura inkwistjoni ma toħloqx ksur ikkaratterizzat tal-ugwaljanza vis-a-vis l-obbligi pubbliċi.

## 4.4. **Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ**

(31) L-awtoritajiet Franċiżi u diversi operaturi tal-portijiet marittimi Franċiżi jinnotaw li l-Kummissjoni ma tipprovdi l-ebda evidenza ta' dannu għall-kompetizzjoni, filwaqt li t-traffiku tal-kompetizzjoni huwa baxx u li l-attrazzjoni ta' port hija bbażata fuq numru kbir ta' parametri (prestazzjoni ta' partijiet oħrajn tal-katina loġistika) li fuqhom l-obbligazzjoni tal-portijiet għat-taxxa korporattiva ma jkollha l-ebda impatt. L-AFPI, tqis li, għall-kuntrarju tal-portijiet marittimi, il-portijiet interni mhumiex f'kompetizzjoni ma' xulxin peress li l-hinterlands tagħhom huma ħafna iżgħar u differenti.

(32) L-awtoritajiet Franċiżi u diversi operaturi tal-portijiet marittimi Franċiżi jqisu li l-attività tal-portijiet iż-żgħar (portijiet li ma jagħmlux parti min-netwerks trans-Ewropej tat-trasport) ma taffettwax il-kompetizzjoni f'termini tal-volum ta' attività u tan-natura essenzjalment lokali tal-impatt tagħhom, b'mod partikolari sakemm l-attività kumulattiva tal-portijiet Franċiżi żgħar tkun tirrappreżenta 1 % biss tat-traffiku totali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li "skont prattika stabbilita sew, l-għajnuna għall-infrastrutturi fil-portijiet fejn is-sehem mis-suq rilevanti huwa inqas minn 5 % tat-traffiku tal-passiġġieri jew tal-oġġetti ma jaffettwax b'mod negattiv il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri" (deċiżjoni tal-11 ta' April 2016 fil-Kawża SA.43975 il-port ta' Funchal ([10])).

(33) Diversi partijiet interessati jqisu li l-portijiet *extra*-Ewropej ma għandhomx il-kapaċità li jikkompetu mal-portijiet ta' Stati Membri oħrajn.

(34) Għall-awtoritajiet Franċiżi u diversi partijiet interessati, il-fatt li llum il-portijiet Franċiżi jiġu obbligati jħallsu t-taxxa korporattiva jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn il-portijiet Ewropej minħabba li l-Istati kollha jimponu rati tat-taxxa differenti. Huma jżidu jgħidu li għadd kbir ta' Stati jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-portijiet tagħhom skont bosta termini fiskali jew mhux fiskali.

(35) Il-port ta' Rotterdam iqis li fl-2017, it-taxxa korporattiva se tirrappreżenta spiża konsiderevoli għall-portijiet Netherlandiżi li ma għandhiex titħallas mill-kompetituri tagħhom, b'mod partikolari l-portijiet ta' Dunkirk u ta' Havre.

## 4.5. **Kompatibbiltà**

(36) Għall-awtoritajiet Franċiżi u diversi operaturi tal-portijiet Franċiżi, fil-każijiet kollha l-eżenzjoni inkwistjoni għandha tkun kompatibbli mas-suq intern minħabba li tippermetti l-kumpens ta' ċerti kompiti ffinanzjati mill-portijiet, li jaqgħu fil-prerogattiva ta' awtorità pubblika (kompiti marbutin mal-kaptani, mat-tħammil tal-aċċess għall-portijiet, mal-manteniment ta' xogħlijiet ta' difiża, mal-aċċess bl-art, mal-ħarsien tal-ambjent, kif ukoll mas-sigurtà jew mal-kollateral). Meta l-ammont tat-taxxa korporattiva li kull port huwa eżentat minnha, ma jaqbiżx l-ammont tal-ispejjeż li jaqgħu taħt il-prerogattivi ta' awtorità pubblika, anki jekk dan ikun ferm inqas min dan l-ammont tal-aħħar, din l-eżenzjoni għandha tkun kompatibbli mas-suq intern.

(37) Ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet interni jenfasizzaw li l-portijiet interni għandhom rwol importanti fl-iżvilupp tat-trasport multimodali, li l-investimenti tal-portijiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 93 TFUE (il-koordinazzjoni tat-trasport) u li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva taqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE dwar proġetti importanti ta' interess Ewropew bħas-Seine Nord Europe u l-Kurituri tat-Trasport Trans-Ewropej. L-AFPI tispeċifika li l-Artikolu 93 TFUE jista' jkun applikabbli fis-sens li jipprevedi "rimborsi ta' ċerti piżijiet inerenti fil-principju ta' servizz pubbliku".

([9]) *Journal officiel de la République française*, il-21 ta' April 2012, p. 7198.

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' April 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.43975 (2016/NN) — il-Portugall — Għajnuna għall-investiment għall-port ta' Funchal (ĠU C 183, 11.5.2016, p. 1).

(38) Għall-awtoritajiet Franċiżi u diversi partijiet interessati *extra*-Ewropej, il-kompatibbiltà tal-miżura għall-portijiet *extra*-Ewropej għandha tiġi eżaminata b'mod speċifiku fir-rigward tal-Artikolu 349 TFUE. Minħabba ċ-ċokon tas-swieq, in-natura insulari jew iżolata ta' dawn it-territorji u minħabba d-distanza ta' kull port ieħor Ewropew, il-miżura inkwistjoni tidher li ma għandhiex kompetizzjoni. Il-PMK ta' Gaudeloupe jsemmi l-proposta biex l-għajnuna operatorja għat-trasport *extra*-Ewropew tiġi integrata fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 ([11]) (minn hawn 'il quddiem, il-"GBER"). Il-PMK ta' Guyane jqis li huwa jwettaq kompitu ta' interess ġenerali (sigurtà pubblika, difiża nazzjonali, provvista) mingħajr ma jibdel il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sakemm il-port ikun il-mezz esklussiv ta' provvista. Minħabba l-ispejjeż tiegħu, it-traffiku tal-oġġetti bl-ajru lejn it-territorju jirrappreżenta biss 1 % tat-traffiku totali tal-oġġetti. Il-partijiet interessati jqisu li t-tneħħija tal-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva se twassal għal żieda fil-prezzijiet tal-provvista tat-territorju — li se tiġi riflessa fil-prezz tal-oġġetti għall-klijenti aħħarin — u għal tnaqqis fil-kapaċità tal-investiment. Huma jenfasizzaw li tali tneħħija se tkun f'kontradizzjoni mad-dispożizzjonijiet tat-taxxa derogatorji oħrajn aċċettati mill-Kummissjoni bħall-miżuri ta' għajnuna fiskali għall-investiment jew il-VAT b'rata tat-taxxa żero li jippermetti t-tnaqqis fl-ispiża tal-flussi tal-konsum.

### 4.6. **L-iskeda tal-proċedura**

(39) Diversi operaturi tal-portijiet marittimi Franċiżi jitolbu lill-Kummissjoni għal sospensjoni tal-proċedura pendenti sal-iffinalizzar tal-aġenda Ewropea tal-portijiet attwali, b'mod partikolari r-reviżjoni tal-GBER u l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas għall-aċċess għas-suq tas-servizzi tal-portijiet u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (minn hawn 'il quddiem, "il-proposta għal Regolament dwar is-servizzi tal-portijiet") ([12]). Huma stagħġbu bil-ħeffa tal-proċedimenti li saru kontra Franza, waqt li l-Kummissjoni kkonsultat man-Netherlands għal madwar għoxrin sena, qabel ma adottat deċiżjoni finali.

(40) Il-port ta' Rotterdam jitlob lill-Kummissjoni biex l-obbligazzjoni tal-portijiet Netherlandiżi għat-taxxa korporattiva tiġi posposta sakemm issir inkjesta settorjali u li l-portijiet marittimi kollha fit-Tramuntana tal-Ewropa (portijiet tal-kosta tan-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana) jkunu soġġetti simultanjament għat-taxxa jew, mill-inqas, li l-portijiet Belġjani u Franċiżi jkunu soġġetti b'mod rapidu u simultanju għat-taxxa korporattiva.

## 5. **APPREZZAMENT TAL-MIŻURI**

### 5.1. **Il-preżenza tal-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE**

(41) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li xxekkel jew thedded li xxekkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern.

#### 5.1.1. *Impriżi/attivitajiet ekonomiċi*

##### 5.1.1.1. Informazzjoni Ġenerali

(42) Skont ġurisprudenza stabbilita, "il-kunċett ta' impriża jirrappreżenta kwalunkwe entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' dik l-entità u l-mod ta' kif tiġi ffinanzjata" ([13]). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "kull attività li tikkonsisti f'li jiġu offruti oġġetti u servizzi f'suq hija attività ekonomika" ([14]).

([11]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat )ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1).

([12]) COM(2013) 296 final — 2013/0157 (COD) (ĠU C 327, 12.11.2013, p. 111). Sadanittant ġie adottat dan l-att: Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).

([13]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov e.a.*, il-Kawżi Magħquda minn C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428, il-punt 74.

([14]) Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-118/85, EU:C:1987:283, il-punt 7 u tat-18 ta' Ġunju 1998, *Il-Kummissjoni vs l-Italja*, C-35/96, EU:C:1998:303, il-punt 36.

(43) Skont il-ġurisprudenza ([15]), f'serje ta' deċiżjonijiet, il-Kummissjoni stabbiliet li l-operat kummerċjali u l-bini ta' infrastrutturi tal-portijiet jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi ([16]). Pereżempju, l-operat kummerċjali ta' terminal tal-port li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti kontra l-ħlas ta' royalty jikkostitwixxi attività ekonomika ([17]). Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet b'mod impliċitu iżda b'ċertezza n-natura ekonomika ta' ċerti operazzjonijiet tal-portijiet, b'mod partikolari "*l-operazzjonijiet ta' imbark, ta' żbark, ta' trasbord, ta' ħżin u ta' moviment ġenerali tal-oġġetti jew ta' kwalunkwe materjal fil-port*" ([18]). Dawn il-prinċipji ma japplikawx biss għall-portijiet marittimi, iżda wkoll għall-portijiet interni ([19]).

(44) Il-Kummissjoni ma tikkontestax li l-portijiet jistgħu jiddelegaw it-twettiq ta' ċerti kompiti ta' awtorità pubblika jew ta' natura mhux ekonomika, bħall-kontroll u s-sigurtà tat-traffiku marittimu ([20]) jew is-sorveljanza għall-kontroll tal-emissjonijiet ([21]), u lanqas li fit-twettiq ta' dawn il-kompiti, il-portijiet mhumiex impriżi skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tispeċifika li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva koperta minn din il-proċedura għalhekk tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat biss jekk din tirrelata ma' dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi. Madankollu, il-fatt li entità twettaq attività waħda jew diversi attivitajiet sovrani jew mhux ekonomiċi mhuwiex biżżejjed biex b'mod ġenerali din tiċċaħħad mill-klassifikazzjoni ta' "impriża". Għalhekk, port se jitqies bħala "impriża" jekk — u sakemm — dan iwettaq attività waħda jew diversi attivitajiet ekonomiċi b'mod effettiv.

(45) Il-portijiet Franċiżi jistgħu jwettqu diversi tipi ta' attivitajiet ekonomiċi li jikkorrispondu għall-provvista ta' servizzi differenti fuq diversi swieq ([22]). L-ewwel nett, il-portijiet jipprovdu servizz ġenerali lill-bastimenti billi jagħtuhom aċċess għall-infrastruttura tal-portijiet bi ħlas. It-tieni, ċerti portijiet jipprovdu wkoll servizzi aktar speċifiċi lill-bastimenti b'mod partikolari l-pilotaġġ, l-irfigħ, il-manutenzjoni, l-irmiġġ, kif ukoll bi ħlas. F'dawn l-ewwel żewġ każijiet, il-ħlas li jirċievi l-port normalment huwa magħruf bħala "it-taxxi tal-port" ([23]). It-tielet, il-portijiet jagħtu ċerti infrastrutturi jew ċerti artijiet lil impriżi li jużaw dawn l-ispazji għall-użu tagħhom stess jew biex jipprovdu lill-bastimenti ċerti servizzi tal-portijiet imsemmija hawn fuq, bi ħlas ([24]).

([15]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni*, T-128/98, EU:[T] (***):2000:290, il-punt 125, ikkonfermat b'appell fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2002, *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni*, C-82/01 P, EU:C:2002:617. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2008, *Ryanair vs Il-Kummissjoni*, T-196/04, EU:T:2008:585, il-punt 88. Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, *Freistaat Sachsen et Land Sachsen-Anhalt et vs Il-Kummissjoni*, il-Kawżi Magħquda T-443/08 u T-455/08, EU:T:2011:117, b'mod partikolari l-punti 93 u 94, ikkonfermat b'appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, *Mitteldeutsche Flughafen et Flughafen Leipzig-Halle vs Il-Kummissjoni*, C-288/11 P, EU:C:2012:821, b'mod partikolari l-punti minn 40 sa 43 u 47.

([16]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2009 dwar il-każ tal-għajnuna mill-Istat Nru 385/2009 — Finanzjament pubbliku tal-infrastruttura tal-port fil-Port ta' Ventspils (ĠU C 62, 13.3.2010, p. 7); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ġunju 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat 44/2010 — ir-Repubblika tal-Latvja — Financement public d'infrastructures portuaires à Krievu salā (Finanzjament pubbliku tal-infrastruttura tal-port ta' Krievu salā) (ĠU C 215, 21.7.2011, p. 21); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2012 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.30742 (N/2010) — il-Litwanja — Kostruzzjoni ta' infrastrutturi ta' laneċ tal-passiġġieri u tal-merkanzija f'terminali ta' Klaipeda (ĠU C 121, 26.4.2012, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35418 (2012/N) — il-Greċja — Estensjoni tal-Port ta' Piraeus (ĠU C 256, 5.9.2013, p. 2); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36953 (2013/N) — Spanja — Autorité portuaire de Bahía de Cádiz (Awtorità tal-Port ta' Bahía de Cádiz) (ĠU C 335, 16.11.2013, p. 1).

([17]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36953 (2013/N) — Spanja — Autorité portuaire de Bahía de Cádiz (Awtorità tal-Port ta' Bahía de Cádiz) (ĠU C 335, 16.11.2013, p. 1).

([18]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 1991, *Merci Convenzionali Porto di Genova*, C-179/90, EU:C:1991:464, punti 3 u 27; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 1997 fil-Kawża C-242/95 *GT-Link A/S vs de Danske Statsbaner*, EU:C:1997:376, il-punt 52 "Madankollu, ma jfissirx li l-operazzjoni ta' kull port tal-kummerċ taqa' taħt il-ġestjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u, b'mod partikolari, lanqas ma jfisser li s-servizzi kollha pprovduti f'tali port ma jaqgħu taħt tali missjoni."

([19]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.37402 — Port franc de Budapest (Port Ħieles ta' Budapest) (ĠU C 141, 9.5.2014, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.34501 — Port intern ta' Königs Wusterhausen/Wildau (ĠU C 176, 21.6.2013, p. 1); id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38478 — Port ta' Győr-Gönyü (ĠU C 418, 21.11.2014, p. 1).

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat N 438/02 — il-Belġju — Għajnuna għall-awtoritajiet tal-port (ĠU C 284, 21.11.2002, p. 2).

([21]) Is-Sentenza tal Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1997, Calì & Figli, C-343/95, EU:C:1997:160, il-punt 22.

([22]) Dawn l-attivitajiet huma relatati ma' proprjetajiet u servizzi meħtieġa għall-operat tal-portijiet u għalhekk huma eżentati mit-taxxa korporattiva.

([23]) L-Artikolu L. 5321-1 tal-Kodiċi tat-Trasport Franċiż jindika li "t-taxxi tal-port jistgħu jiġu imposti fil-portijiet marittimi taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat, tal-kollettivitajiet territorjali jew tal-gruppi tagħhom, minħabba operazzjonijiet kummerċjali jew soġġorni ta' bastimenti li jsiru hemmhekk" u li dawn it-taxxi "jistgħu jġibu magħhom diversi elementi" jew "royalties" (skont l-Artikolu L. 5321-3 tal-istess kodiċi). Skont l-Artikolu L. 4323-1 tal-kodiċi, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll għall-portijiet fuq l-ilmijiet interni. Fid-deċiżjoni Nru 76-92 L tas-6 ta' Ottubru 1976, il-Kunsill kostituzzjonali Franċiż afferma li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni "fejn jidħlu s-soġġorni ta' bastimenti fil-portijiet u operazzjonijiet li jsiru hemmhekk, jistabbilixxu taxxi li l-ammont tagħhom jiġi allokat għalkollox fil-finanzjament tal-infiq tal-portijiet […], li jsibu l-kontroparti tagħhom fl-użu tax-xogħol pubbliku u fis-servizzi li jiġu pprovduti f'dan il-każ [u li dawn it-taxxi] għandhom in-natura ta' royalties għas-servizz mogħti".

([24]) Skont l-Artikolu L. 5312-2 tal-Kodiċi tat-Trasport, il-PMK huwa b'mod partikolari responsabbli mill-"ġestjoni u l-valorizzazzjoni tas-settur li huwa s-sid tiegħu jew li huwa assenjat lilu". Ara wkoll, l-Artikolu L. 5313-2 għall-portijiet awtonomi u l-Artikolu L. 4322-1 għall-Port awtonomu ta' Pariġi.

(46) Il-portijiet Franċiżi kollha ma jwettqux neċessarjament l-attivitajiet kollha msemmija hawn fuq. B'mod partikolari, kif jinnotaw uħud minnhom, fil-prinċipju, il-PMK ma jistgħux jibqgħu jużaw "l-għodod użati għall-operazzjonijiet ta' tagħbija, ta' ħatt, ta' manutenzjoni u ta' ħżin marbuta mal-bastimenti" (Artikolu L. 5312-4 tal-Kodiċi tat-Trasport Franċiż). Madankollu, jidher li ċerti PMK jibqgħu jużaw dawn l-għodod u jipprovdu s-servizzi korrispondenti ([25]).

(47) Għalkemm l-awtorità pubblika għandha marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex fi ħdan l-attivitajiet ekonomiċi tiddefinixxi dawk li jistgħu jikkostitwixxu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (minn hawn 'il quddiem "SIEG"), dan ma jeskludix il-fatt li l-attivitajiet huma ta' natura ekonomika. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "attività ekonomika" nnifsu jirriżulta minn elementi fattwali, l-aktar l-eżistenza ta' suq għas-servizzi kkonċernati, u ma jiddependix fuq għażliet jew valutazzjonijiet nazzjonali. Għalhekk, il-fatt li l-attivitajiet tal-portijiet ma jiġġenerawx qligħ skont it-tifsira tad-dispożizzjonijiet tal-KĠT, anke jekk dan huwa minnu, mhuwiex biżżejjed biex dawn l-attivitajiet jiċċaħdu min-natura ekonomika tagħhom skont id-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, is-sempliċi fatt li l-kompiti mwettqa mill-portijiet ġew iddelegati lilhom mill-Istat mhuwiex biżżejjed biex jidentifikaw l-attivitajiet inkwistjoni bħala mhux ekonomiċi. L-SIEGs kollha huma kompiti ddelegati mill-Istat lill-impriżi. Bħalissa, l-SIEGs jinvolvu t-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi.

(48) Barra minn hekk, il-fatt li ċerti portijiet jistgħu jiġu kkwalifikati bħala faċilitajiet ta' importanza vitali skont it-tifsira tal-Artikolu L. 1332-1 tal-Kodiċi tad-Difiża Franċiż ma jippermettix li wieħed jikkunsidra li l-attivitajiet tal-portijiet jinvolvu funzjonijiet essenzjali tal-Istat skont id-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Bosta attivitajiet ekonomiċi fil-qasam tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni u tat-trasport jistgħu jkunu wkoll ta' importanza vitali għall-ħajja tan-nazzjon, mingħajr ma tiġi eliminata n-natura ekonomika tagħhom. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Kodiċi tad-Difiża (ara l-Artikoli L. 1332-4, L. 1332-5 u L. 1332-6) isemmi b'mod espliċitu l-istatus ta' "impriża" ta' mill-inqas uħud mill-operaturi kkonċernati.

(49) Minbarra dan, il-fatt li l-PMK jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4(5) tas-sitt Direttiva tal-VAT ([26]) u li ġew eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-276/97, mhux rilevanti f'dan il-każ. Dan l-Artikolu tad-Direttiva tal-VAT jipprevedi li "Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra rregolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward tal-attivitajiet jew transazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijet jew ħlasijiet marbuta ma' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet" u l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li "l-attivitajiet imwettqa bħala awtoritajiet pubbliċi skont it-tifsira tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(5), tas-sitt Direttiva huma dawk li jitwettqu mill-korpi rregolati bil-liġi pubblika fil-qafas tal-iskema ġuridika li tapplika għalihom" ([27]). Waqt li jista' jiġi previst li l-portijiet joperaw fil-qafas tal-iskema ġuridika li tapplika għalihom, fiha nnifisha din il-karatteristika ma tagħmilhomx persuni taxxabbli għall-VAT ([28]). L-applikazzjoni tal-eżenzjoni, 'il bogħod milli tikkontradixxi n-natura ekonomika tal-attivitajiet imwettqa, tikkonferma li l-attivitajiet imwettqa huma ekonomiċi peress li l-eżenzjoni (li taffettwa direttament lill-persuni taxxabbli) tagħmel sens biss jekk l-attivitajiet imwettqa jkunu ekonomiċi ([29]). Fuq kollox, dan il-kriterju (it-twettiq ta' attività fil-qafas tal-iskema ġuridika partikolari għall-korpi pubbliċi) ġie żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja b'rabta mal-Artikolu 4(5), tad-Direttiva tal-VAT u m'għandux ekwivalenti fid-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Għall-kuntrarju, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-premessa 43, l-iskema ġuridika li għaliha huma soġġetti l-operaturi mhijiex biżżejjed biex teskludi l-eżistenza ta' attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu 107 TFUE.

([25]) Ara Il-Qorti tal-Awdituri, *Il-valutazzjoni tar-riforma tal-portijiet marittimi kbar,* Rapport pubbliku annwali 2017 — Frar 2017, Id-dokumentazzjoni Franċiża: "*Iż-żamma tal-attivitajiet ta' manutenzjoni f'ċerti portijiet*".

([26]) "Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra rregolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward tal-attivitajiet jew transazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijet jew ħlasijiet marbuta ma' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet." Dispożizzjoni li issa ġiet integrata sostanzjalment fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

([27]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża,* C-276/97, EU:C:2000:424, punt 40.

([28]) Lil hinn minn kundizzjoni marbuta mad-"distorsjonijiet sinifikattivi tal-kompetizzjoni", l-Artikolu 4(5), jindika li "fi kwalunkwe każ, il-korpi rregolati bil-liġi pubblika għandhom jitqiesu bħala persuni taxxabbli għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I u sakemm dawn l-attivitajiet ma jkunux negliġibbli". Madankollu, il-provvediment ta' servizzi tal-portijiet huma elenkati fl-Anness I.

([29]) Fil-Kawża C-276/97, il-Qorti tal-Ġustizzja tidentifika b'mod ċar l-attività inkwistjoni (jiġifieri infrastruttura tat-toroq titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-utenti bi ħlas) ta' attività ekonomika (punt 32), qabel ma teżamina jekk l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 4(5) tapplikax (punt 37).

(50) Bl-istess mod, jekk il-portijiet joperawx fuq bażi purament kummerċjali għall-massimizzazzjoni tal-profitti, jekk jikkunsidrawx l-interess ġenerali qabel ir-redditu fuq l-investiment, jekk għandhomx skop ta' qligħ u jekk jinvestux mill-ġdid il-profitti sistematikament, mhumiex biżżejjed biex jeskludu n-natura ekonomika ta' attività li tikkonsisti fl-għoti ta' oġġetti jew ta' servizzi f'suq ([30]). Il-Kummissjoni tinnota wkoll li ċerti portijiet Franċiżi jagħmlu profitti, iħallsu dividendi lill-Istat ([31]) u b'hekk ma jinvestux mill-ġdid il-profitti tagħhom sistematikament fl-infrastruttura.

(51) Finalment, l-argument tal-awtoritajiet Franċiżi li t-TFUE fih artikolu partikolari (l-Artikolu 93) biex jindirizza l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tat-trasport jikkonferma biss li l-attivitajiet tat-trasport huma attivitajiet ekonomiċi (fil-każijiet l-oħra kollha, dan ma jirrigwardax l-għajnuna mill-Istat).

5.1.1.2. Dwar l-aċċess għall-infrastruttura tal-portijiet b'mod ġenerali

(52) Fir-rigward, b'mod partikolari tas-servizzi offruti mill-portijiet bi ħlas tat-taxxi tal-portijiet, il-fatt li l-istruttura tat-taxxi tal-portijiet hija ddeterminata fil-livell nazzjonali u li r-royalties huma approvati mill-awtorità pubblika, mhumiex biżżejjed biex iċaħħdu lil dawn is-servizzi min-natura ekonomika tagħhom ([32]). B'mod partikolari, fil-Kawża C-343/95 imsemmija mill-PMK ta' Havre, il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat prinċipalment fuq in-natura tal-attivitajiet imwettqa biex tevalwa n-natura ekonomika tagħhom (ara l-premessi 18 u 23) u inċidentalment fuq l-approvazzjoni tat-tariffi fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, skont il-Kodiċi tat-Trasport Franċiż ([33]), il-portijiet infushom għandhom ir-responsabbiltà li jistabbilixxu t-tariffi.

(53) Fir-rigward tar-referenza magħmula għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2004 fil-Kawża N 520/200[3] (***) mill-PMK ta' Havre, il-Kummissjoni tinnota li sa mill-2004, il-prattika tagħha tat-teħid ta' deċiżjonijiet evolviet, b'rabta mal-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Normalment, il-bini u ż-żamma ta' infrastrutturi ta' aċċess għall-portijiet huma kkunsidrati bħala miżuri ġenerali appoġġati mill-Istat fil-kuntest tar-responsabbiltà tiegħu fl-iżvilupp tat-trasport marittimu, meta tali infrastrutturi jkunu jistgħu jintużaw mill-utenti kollha mingħajr diskriminazzjoni u mingħajr konsiderazzjoni. Il-Kummissjoni tqis fil-prinċipju li l-infrastrutturi ta' aċċess li jinsabu barra l-port huma ta' benefiċċju għall-komunità marittima fit-totalità tagħha u li l-finanzjament pubbliku tagħhom mhuwiex ikkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat, ħlief jekk ċerti ċirkostanzi tal-każ iwasslu għal konklużjoni kontrarja. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament pubbliku ta' infrastrutturi ta' aċċess li jinsabu f'port, fil-prinċipju, għandu jkun ta' benefiċċju speċifikament għall-operat tal-port innifsu u għandu jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([34]).

5.1.1.3. Dwar l-għoti ta' artijiet u infrastrutturi speċifiċi lil impriżi bi ħlas

(54) Mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża SA.36346 ([35]), imsemmija fil-punt f) tal-punt 17 tal-Komunikazzjoni tad-19 ta' Lulju 2016, ma nistgħux nikkonkludu li l-ġestjoni jew il-valorizzazzjoni tas-settur tal-portijiet u, b'mod partikolari, il-kiri jew l-għoti ta' artijiet u infrastrutturi speċifiċi bi ħlas, mhijiex attività ekonomika. Il-Kawża SA.36346 tikkonċerna appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' artijiet pubbliċi u mhux il-kiri ta' artijiet bi ħlas.

([30]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze et*, C-222/04, EU:C:2006:8, il-punti 122 u 123.

([31]) Għalhekk, il-Port awtonomu ta' Pariġi ħallas EUR 8 miljun għas-sena finanzjarja 2014 u EUR 11-il miljun għas-sena finanzjarja 2016. Min-naħa tiegħu, il-PMK ta' Dunkirk ħallas EUR 5 miljun għas-sena finanzjarja 2014 u EUR 4 miljun għas-sena finanzjarja 2016. Ara s-sentenzi tat-18 ta' Frar 2016 u tat-23 ta' Frar 2017 li jistabbilixxu l-ammont tad-dividendi dovut lill-Istat mill-port awtonomu ta' Pariġi u l-portijiet marittimi kbar, Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża Nru 0048 tas-26 ta' Frar 2016 u Nru 53 tat-3 ta' Marzu 2017. Id-dividendi mħallsa jvarjaw b'mod sinifikanti maż-żmien fil-proporzjon tar-riżultat nett (bejn 14 % u 33 % għall-PMK ta' Havre matul il-perjodu 2008-2013, bejn 22 % u 35 % għall-PMK ta' Marsilja matul il-perjodu 2009-2014).

([32]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2012 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.30742 (N/2010) — il-Litwanja — port ta' Klaipėda, il-premessa 9 (ĠU C 121, 26.4.2012, p. 1).

([33]) Ara b'mod partikolari l-Artikoli R. 5321-2 u R. 5321-11.

([34]) Ara l-punti 5 u 7 tat-tabella analitika għall-infrastrutturi tal-portijiet (http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/grid_ports_en.pdf) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39608 estensjoni tal-port ta' Wismar, premessa 31 (ĠU C 203, 19.6.2015, p. 3).

([35]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 dwar il-miżura SA.36346 (2013/N) GRW land development scheme for industrial and commercial use (skema għall-iżvilupp tal-art GRW għal użu industrijali u kummerċjali)(ĠU C 141, 9.5.2014, p. 1).

(55) B'mod ġenerali, il-kiri ta' post pubbliku bi ħlas jikkostitwixxi attività ekonomika, b'mod partikolari meta l-parti kontraenti ta' port tipprovdi servizzi tal-portijiet lill-klijenti tagħha ([36]). L-awtorità tat-taxxa Franċiża nnifisha diġà kkunsidrat li d-dħul mill-kiri ta' artijiet (tariffi tal-Istat) jenħtieġ li jkun soġġett għat-taxxa korporattiva anke skont id-dritt nazzjonali ([37]). Mill-kummenti pubblikati mid-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi Pubbliċi (il-pożizzjoni uffiċjali tal-awtorità tat-taxxa Franċiża) dwar il-liġi tat-taxxa ([38]) jirriżulta li l-miżati ta' konċessjoni ta' port kollu jew ta' parti minnu (pereżempju konċessjoni tal-għodda pubblika) huma soġġetti għall-VAT, u dan jikkostitwixxi indikatur ieħor tan-natura ekonomika tagħhom.

#### 5.1.1.4. Dwar l-operazzjonijiet ta' tħammil

(56) Normalment, il-bini u ż-żamma ta' infrastrutturi ta' aċċess għall-portijiet, l-aktar it-tħammil ta' xmajjar, it-toroq ta' aċċess u l-kanali, huma kkunsidrati bħala miżuri ġenerali appoġġati mill-Istat fil-kuntest tar-responsabbiltà tiegħu fl-iżvilupp tat-trasport marittimu, meta tali infrastrutturi jkunu jistgħu jintużaw mill-utenti kollha mingħajr diskriminazzjoni u mingħajr konsiderazzjoni. Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn jekk l-infrastruttura ta' aċċess tinsabx fil-port jew barra minnu u jekk hijiex aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali. Il-Kummissjoni tqis fil-prinċipju li l-infrastrutturi ta' aċċess li jinsabu barra l-port huma ta' benefiċċju għall-komunità marittima fit-totalità tagħha u li l-finanzjament pubbliku tagħhom mhuwiex ikkunsidrat bħala għajnuna mill-Istat, ħlief jekk ċerti ċirkostanzi tal-każ iwasslu għal konklużjoni kontrarja. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament pubbliku ta' infrastrutturi ta' aċċess li jinsabu f'port, fil-prinċipju, għandu jkun ta' benefiċċju speċifikament għall-operat tal-port innifsu u għandu jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ([39]).

(57) Pereżempju, il-Kummissjoni ddikkjarat li t-tħammil f'estwarju li jtejjeb l-aċċess għax-xmara u jibbenefika mingħajr distinzjoni lill-operaturi kollha li jinsabu fl-estwarju u tul il-passaġġi fuq l-ilma interni, jikkostitwixxi miżura ġenerali li hija ta' benefiċċju għall-komunità marittima fit-totalità tagħha. Għalhekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-tħammil ma jikkostitwixxix attività ekonomika ([40]).

#### 5.1.1.5. Dwar l-attivitajiet ekonomiċi ta' natura sekondarja jew prinċipali

(58) Il-fatt li l-attivitajiet ekonomiċi ta' entità huma minoritarji jew marġinali fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet mhux ekonomiċi, fil-prinċipju ma jippermettix li dawn l-attivitajiet ekonomiċi jiġu esklużi mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(59) Barra minn hekk, u mingħajr il-ħtieġa li titwettaq valutazzjoni minn port għal port tal-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi differenti, mill-iżviluppi preċedenti jirriżulta li parti sinifikanti mill-attivitajiet ikkunsidrati bħala mhux ekonomiċi minn ċerti partijiet interessati u mill-awtoritajiet Franċiżi huma ta' natura ekonomika. Barra minn hekk, it-taxxi tal-portijiet u l-miżati ta' konċessjoni jirrappreżentaw il-maġġoranza l-kbira tad-dħul tal-portijiet marittimi kbar ([41]) u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ħolqien ta' bażi taxxabbli pożittiva mill-portijiet għat-taxxa korporattiva.

---

([36]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36953 (2013/N) Port ta' Bahía de Cádiz, premessa 29 (ĠU C 335, 16.11.2013, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat SA.30742 (N/2010) Klaipėda, premessa 8 u 9 (ĠU C 121, 26.4.2012, p. 1), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat N 44/2010 Port ta' Krievu Sala, premessa 67 (ĠU C 215, 21.7.2011, p. 21), id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat C 39/2009 (ex N 385/2009) Port ta' Ventspils, premessi 30, 57 u 58 (ĠU C 62, 13.3.2010, p. 7).

([37]) Ara r-rapport tal-*Inspection générale des finances* (Ispettorat Ġenerali tal-Finanzi) (Nru 2007-M-031-01) u tal-*Conseil général des ponts et chaussées* (Kunsill Ġenerali tal-Inġinerija Ċivili) (Nru 005126-01) dwar il-modernizzazzjoni ta' portijiet awtonomi, Lulju 2008, paġna 53 ("It-tariffi tal-għodod attwali jinsabu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet bi qligħ taxxabbli iżda bħala riżorsi tal-portijiet huma maħsuba li jġibu għal perjodu medju, bir-riforma proposta. F'dawn iċ-ċirkostanzi, it-tariffi tal-Istat jikkostitwixxu s-sors essenzjali u sostenibbli tal-attività taxxabbli għal perjodu medju"). (http://www.ladocumentationfrancaise.fr/var/storage/rapports-publics/084000035.pdf).

([38]) Ara BOI-TVA-BASE-10-20-40-10 §§230 à 270 (http://bofip.impots.gouv.fr/bofip/1474-PGP.html). Ara wkoll ir-risposta għall-mistoqsija bil-miktub Nru 17487 tas-Sur Jean Arthuis ippubblikata fil-ĠU Senat tal-10 ta' Marzu 2011 — paġna 573; http://www.senat.fr/questions/base/2011/qSEQ110317487.html

([39]) Ara l-punti 5 u 7 tat-tabella analitika għall-infrastrutturi tal-portijiet (http://ec.europa.eu/competition/state_aid/modernisation/grid_ports_en.pdf).

([40]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35720 (2014/NN) — ir-Renju Unit — Liverpool City Council Cruise Liner Terminal, premessi 64-69 (ĠU C 120, 23.4.2014, p. 4).

([41]) Bħala perċentwal tal-fatturat, pereżempju, it-taxxi tal-portijiet u d-dħul mis-servizzi ta' assistenza fuq l-art jirrappreżentaw rispettivament 42 % u 34 % (u, b'mod kumulattiv, 55 % tal-ispejjeż operatorji) għall-PMK ta' Bordeaux (fl-2013, ara Il-Qorti tal-Awdituri, rapport partikolari li ġie ppubblikat fit-8 ta' Marzu 2016, p. 60 u 64) u 62 % u 18 % (u, b'mod kumulattiv, 76 % tal-ispejjeż operatorji) għall-PMK ta' Havre (fl-2013, ara Il-Qorti tal-Awdituri, rapport partikolari li ġie ppubblikat fit-30 ta' Marzu 2016, p. 112 u 113).

(60) Finalment, il-Kummissjoni taċċetta li l-finanzjament kollu ta' infrastruttura jista' jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, meta din l-infrastruttura tintuża kważi esklussivament għall-finijiet ta' attività mhux ekonomika u li l-użu ekonomiku jibqa' purament anċillari ([42]). Madankollu, il-fatt li l-portijiet iwettqu attivitajiet mhux ekonomiċi fuq it-territorju li jokkupaw ma jfissirx li l-infrastruttura tal-portijiet innifisha tintuża kważi esklussivament għall-finijiet ta' attività mhux ekonomika, u lanqas li l-attivitajiet ekonomiċi huma anċillari għall-attivitajiet mhux ekonomiċi.

5.1.1.6. Konklużjoni

(61) Il-portijiet awtonomi (li ħafna minnhom saru PMK, ħlief b'mod partikolari l-portijiet awtonomi fuq l-ilmijiet interni ta' Pariġi u ta' Strasburgu), il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jiġġestixxu l-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda, li jużaw direttament l-infrastrutturi jew jipprovdu servizzi f'port, huma, fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom — b'mod partikolari dawk identifikati fil-premessa 45 — "impriżi" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

5.1.2. *Riżorsi tal-Istat u miżura attribwibbli għall-Istat*

(62) Skont l-Artikolu 107(1) TFUE, il-miżuri mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi mill-Istat biss jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rinunzja tar-riżorsi li, fil-prinċipju, kellhom jitħallsu lura lill-baġit tal-Istat tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat skont it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni ([43]).

(63) Permezz tal-eżenzjoni mit-taxxa li hija ta' benefiċċju għall-operaturi tal-portijiet Franċiżi, l-Istat Franċiż jirrinunzja dħul mit-taxxa, u għal din ir-raġuni din l-eżenzjoni timplika trasferiment ta' riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE. Minħabba li din l-eżenzjoni mit-taxxa ġejja minn serje ta' deċiżjonijiet ministerjali, din hija attribwibbli wkoll għal Franza.

5.1.3. *Vantaġġ ekonomiku*

(64) Sabiex tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, din il-miżura trid tagħti vantaġġ finanzjarju lill-benefiċjarju. Il-kunċett ta' vantaġġ ikopri mhux biss il-benefiċċji pożittivi iżda wkoll l-interventi li, taħt forom differenti, inaqqsu l-ispejjeż li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża ([44]).

(65) Kif ġie nnutat hawn fuq, skont il-liġi tat-taxxa Franċiża, "il-portijiet awtonomi, il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jimmaniġġaw il-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda" ([45]) jenħtieġ li jkunu soġġetti għat-taxxa korporattiva minħabba l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom iżda madankollu huma eżentati minnha. Għaldaqstant, dawn l-entitajiet ma għandhomx ikopru l-ispejjeż tat-taxxa korporattiva li normalment jitħallsu mill-impriżi Franċiżi b'rabta mal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom. Għalhekk, skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE, huma jibbenefikaw minn vantaġġ ekonomiku.

(66) Barra minn hekk, il-fatt li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva tikkumpensa l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-kompiti ta' interess ġenerali fdati lill-portijiet mill-awtorita pubblika, mhux se iqajjem dubji dwar il-klassifikazzjoni ta' benefiċċju ħlief jekk, minn naħa, l-ammont tal-benefiċċju li jirriżulta mill-eżenzjoni mit-taxxa kellu tabilħaqq l-għan li jikkumpensa l-ispejjeż addizzjonali marbuta mal-kompiti ta' interess ġenerali u, min-naħa l-oħra, dan l-ammont kien limitat għall-kostijiet addizzjonali netti marbuta mat-twettiq ta' dawn il-kompiti (l-ebda kumpens żejjed) ([46]). Dan ma huwiex il-każ f'dan l-appell. L-ebda dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ma tistabbilixxi xi konnessjoni bejn l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva u l-kompiti eventwali ta' servizz pubbliku fdati lill-portijiet ([47]). Id-dritt nazzjonali ma jiggarantixxix li l-ammont tal-kumpens (jiġifieri l-ammont tat-taxxa

([42]) Ara l-punt 207 tal-Komunikazzjoni tad-19 ta' Lulju 2016.
([43]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000, *Franza/Ladbroke Racing u l-Kummissjoni*, C-83/98[P] (***), EU:C:2000:248, punti 48 sa 51.
([44]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2001, *Adria-Wien Pipeline*, C-143/99, EU:C:2001:598, punt 38.
([45]) U s-suċċessuri tagħhom (b'mod partikolari l-PMK) li huma kkunsidrati bħala eżentati mit-taxxa korporattiva mill-awtorità tat-taxxa fuq l-istess bażi.
([46]) Ara l-punt 206 tal-Komunikazzjoni tad-19 ta' Lulju 2016 u, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-SIEG, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, C-280/00, EU:C:2003:415, punti 87 sa 95.
([47]) Storikament, l-eżenzjoni mit-taxxa mogħtija fl-1942 kellha l-għan li tħaffef ir-rikostruzzjoni tal-portijiet meqruda minħabba l-gwerra u mhux xi kumpens għall-kompiti ta' servizz pubbliku.

korporattiva mhux imħallas) huwa limitat għal dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż kollha jew parti minnhom fit-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku. L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva, li l-ammont tagħha huwa proporzjonali għall-profitt miksub, mhijiex limitata u għalhekk tista' twassal għal vantaġġ li mhuwiex proporzjonat mal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-obbligi ta' servizz pubbliku. Finalment, id-dikjarazzjoni tal-PMK ta' Dunkirk li l-ispiża tal-kompiti ta' servizz pubbliku taqbeż sistematikament il-ħlasijiet teoretiċi tat-taxxa korporattiva ma tidher fl-ebda ċifra u fl-ebda data storika; f'każ ta' nuqqas ta' garanzija legali (applikabbli wkoll għall-futur) ta' nuqqas ta' kumpens żejjed, anke jekk din id-dikjarazzjoni tkun ġiet ivverifikata fil-passat, dan mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-kundizzjoni ta' ebda kumpens żejjed.

5.1.4. *Selettività*

(67) Biex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun selettiva, jiġifieri trid tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produzzjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE ([48]).

(68) Skont ġurisprudenza stabbilita ([49]), il-valutazzjoni tas-selettività materjali ta' miżura fiskali li tnaqqas l-ispejjeż li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża, tinkludi tliet stadji: fl-ewwel stadju, huwa meħtieġ li tiġi identifikata l-iskema fiskali komuni jew "normali" (imsejħa "sistema ta' referenza") fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat. Fit-tieni stadju, għandu jiġi ddeterminat jekk il-miżura inkwistjoni tidderogax mis-sistema ta' referenza, sal-punt li din tintroduċi differenzi bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan segwit mill-iskema msemmija, ikunu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. Jekk dan ikun il-każ, il-miżura tkun *a priori* selettiva. Fit-tielet stadju, għandu jiġi stabbilit jekk il-miżura derogatorja hijiex iġġustifikata min-natura jew mill-ekonomija ġenerali tas-sistema ta' referenza. Fir-rigward ta' dan it-tielet pass, hija r-responsabbiltà tal-Istat Membru li juri li d-differenza fit-trattament fiskali tirriżulta direttament mill-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tal-iskema fiskali ([50]) identifikata bħala sistema ta' referenza.

*Sistema ta' referenza*

(69) Is-sistema ta' referenza hija t-taxxa korporattiva Franċiża, imposta fil-prinċipju fuq il-benefiċċji jew id-dħul kollu tal-kumpaniji u ta' persuni ġuridiċi oħrajn (l-Artikolu 205 tal-KĠT). Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 206(1) u tal-Artikolu 1654 tal-KĠT, il-persuni ġuridiċi rregolati bil-liġi privata jew bil-liġi pubblika li jinnegozjaw jew li jwettqu operazzjonijiet bi skop ta' qligħ huma soġġetti għat-taxxa korporattiva. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 165 tal-Anness 4 tal-KĠT, l-istabbilimenti pubbliċi ta' natura industrijali jew kummerċjali huma soġġetti għat-tassazzjoni diretta u t-taxxi assimilati kollha applikabbli għall-impriżi privati simili. L-Artikolu 167 tal-Anness 4 tal-istess kodiċi jispeċifika li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw b'mod partikolari għall-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija u għall-portijiet awtonomi. Wara d-deċiżjoni tal-ftuħ, la l-awtoritajiet Franċiżi u lanqas il-partijiet interessati ma ressqu kummenti dwar dan il-punt.

*Deroga mis-sistema ta' referenza*

(70) Skont id-deċiżjonijiet ministerjali tal-1942 u tal-1943 diġà msemmija, "il-portijiet awtonomi, il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jimmaniġġaw il-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda" huma eżentati mit-taxxa korporattiva. Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu ċerti portijiet Franċiżi, l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva li tibbenefika lill-portijiet, għalhekk ma tirriżultax mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-KĠT (b'mod partikolari l-Artikolu 165 tal-Anness 4 tal-KĠT) u min-natura mingħajr skop ta' qligħ tal-attività tal-portijiet iżda mid-deċiżjonijiet ministerjali tal-1942 u tal-1943 li espliċitament jidderogaw minn dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali u impliċitament jikkunsidraw li l-portijiet għandhom attivitajiet bi skop ta' qligħ ([51]). Dan huwa kkonfermat bid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Istat iċċitata mill-partijiet interessati ([52]).

([48]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Diċembru 2005, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, C-66/02, EU:C:2005:768, punt 94.
([49]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et*, il-Kawżi Magħquda minn C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 49; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 56.
([50]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et*, il-Kawżi Magħquda minn C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 65; is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, EU:C:2006:511, punt 81.
([51]) Ara l-*Bulletin officiel des finances publiques-Impôts* (Bulettin uffiċjali tal-finanzi pubbliċi-Taxxi) — BOI-IS-CHAMP-30-60, II (paragrafu 240): "*[…]* deċiżjonijiet ministerjali suċċessivi eżentaw lill-portijiet minn taxxi diretti […]".
([52]) Il-Kunsill tal-Istat, it-2 ta' Lulju 2014, Ministru responsabbli mill-baġit, Nru 374807, FR:CESSR:2014:374807.20140702.

(71) Madankollu, fid-dawl tal-għan tas-sistema ta' referenza li huwa li tiġi imposta taxxa fuq il-profitt li jagħmlu l-kumpaniji u l-persuni ġuridiċi, l-entitajiet koperti bid-deċiżjonijiet ministerjali tal-1942 u tal-1943 jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli ma' dik ta' kumpaniji jew persuni ġuridiċi oħrajn li huma soġġetti għal din it-taxxa sal-punt li dawn l-impriżi kollha jagħmlu profitt. Għalhekk, l-eżenzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi deroga mir-regoli stabbiliti mis-sistema fiskali ta' referenza.

(72) Il-Kummissjoni tqis għalhekk li l-eżenzjoni mit-taxxa favur l-entitajiet imsemmija qabel hija *prima facie* selettiva.

(73) Il-fatt li l-miżura tapplika għall-portijiet Franċiżi kollha, anke jekk dan huwa ppruvat ([53]), ma għandux iqajjem dubji dwar din il-konklużjoni. Fir-rigward tas-sistema ta' referenza, il-miżura inkwistjoni mhijiex ġenerali peress li ma tapplikax għal ċerti impriżi (operaturi tal-portijiet) li madankollu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabli ma' dik ta' kumpaniji jew persuni ġuridiċi oħrajn li huma soġġetti għal din it-taxxa, jiġifieri mal-impriżi kollha li jagħmlu profitt. Il-miżura hija ġenerali biss fir-rigward ta' sistema ta' referenza li se tiġi limitata għall-portijiet infushom (sistema ta' referenza iffurmata mid-deċiżjonijiet ministerjali tal-1942 u tal-1943), filwaqt li hawn fuq intwera li s-sistema ta' referenza kienet tinkludi d-dispożizzjonijiet ġenerali tat-taxxa korporattiva, li għalihom huma soġġetti l-impriżi tas-setturi kollha.

(74) Barra minn hekk, fir-rigward tal-objettiv tas-sistema ta' referenza li huwa li l-profitti magħmula minn kwalunkwe persuna ġuridika jkunu soġġetti għat-taxxa fuq id-dħul, karatteristiċi bħal dawk imsemmija mill-awtoritajiet Franċiżi u l-partijiet interessati (kompiti imposti fuq il-portijiet għas-servizz ta' impriżi oħrajn, obbligi partikolari, tħaddim mill-KKI, nuqqas ta' kompetizzjoni, finanzjament mid-drittijiet tal-port u l-użu ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika) mhumiex rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' sitwazzjoni fattwali u legali differenti. Għalkemm dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jispjegaw, fejn ikun meħtieġ, li l-operaturi tal-portijiet fdati bil-kompitu ta' interess ġenerali jippreżentaw inqas redditu u b'hekk inqas profitti taxxabbli, huma jistgħu jiġġustifikaw biss li l-profitti magħmula — minkejja l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-kompiti ta' interess ġenerali — huma eżentati mit-taxxa korporattiva.

(75) Fir-rigward ta' applikazzjoni għall-ħolqien ta' skema fiskali derogatorja għal sistemi awtonomi tal-marini, l-amministrazzjoni Franċiża diġà rrikonoxxiet li "r-Regolament Ewropew dwar ir-regoli ta' kompetizzjoni jeskludi li l-miżuri fiskali derogatorji jistgħu jingħataw għal ċerti attivitajiet" ([54]).

*Ġustifikazzjoni min-natura u l-ekonomija tas-sistema*

(76) L-awtoritajiet Franċiżi jinnotaw li l-miżura ilha tifforma parti integrali mis-sistema fiskali Franċiża għal aktar minn 70 sena, iżda d-dekorrenża taż-żmien mhijiex biżżejjed biex tikkunsidra deroga mir-regoli normali ta' din is-sistema bħala ġġustifikata min-natura u l-ekonomija tas-sistema. Min-naħa l-oħra, iż-żmien li għadda jista' jiġġustifika l-użu tal-proċedura għal għajnuna eżistenti (ara taħt). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ il-loġika inerenti għas-sistema ta' referenza hija li jiġu ntaxxati l-profitti. Għaldaqstant, eżenzjoni mit-taxxa bbażata biss fuq l-appartenenza għal kategorija partikolari ta' impriżi jew rikonoxxuta biss għal ċerti entitajiet identifikati bil-liġi ma tagħmilx parti minn din il-loġika.

(77) Fl-aħħar mill-aħħar, f'dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ċerti partijiet interessati skont liema l-miżura inkwistjoni ma toħloqx "tfixkil ikkaratterizzat mill-prinċipju tal-ugwaljanza", il-Kummissjoni ssostni li l-fatt li miżura ma toħloqx "tfixkil ikkaratterizzat mill-prinċipju tal-ugwaljanza" fil-liġi Franċiża ma jfissirx li din "tirriżulta direttament mill-prinċipji intrinsiċi bażiċi jew ta' gwida tas-sistema ta' referenza jew [...] hija r-riżultat ta' mekkaniżmi inerenti meħtieġa għall-funzjonament u l-effikaċja tas-sistema" (***) ([55]) skont id-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat. Għalhekk, kif turi d-deċiżjoni tal-Kunsill kostituzzjonali ([56]), l-evalwazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fil-liġi Franċiża tqis l-għanijiet segwiti mill-miżura derogatorja jiġifieri għanijiet ta' interess ġenerali

([53]) Ċerti portijiet jiġu operati minn persuni ġuridiċi mhux koperti mid-deċiżjonijiet tal-1942 u tal-1943, pereżempju l-port tal-kummerċ u tas-sajd ta' Sète (operat minn stabbiliment pubbliku reġjonali — ara s-sentenza tal-qorti amministrattiva tal-appell ta' Marsilja tad-19 ta' Jannar 2016, Nru 13MA03445), il-port ta' Lorient (ġestit minn kumpanija ta' ekonomija mħallta, ara l-mistoqsija parlamentari Nru 23815 ippubblikata fil-*Journal officiel de la République française* tad-9 ta' April 2013, p. 3694) jew il-marina ta' Saint-Cyprien, (operata mill-istabbiliment pubbliku tal-port ta' Saint-Cyprien, utilità tal-muniċipalità ta' natura ġuridika — ara s-sentenza tal-qorti amministrattiva tal-appell ta' Marsilja tas-27 ta' Novembru 2012, Nru 12MA01312).

([54]) Risposta għall-mistoqsija parlamentari Nru 18664, ippubblikata fil-*Journal officiel de la République française* tat-3 ta' Marzu 2009, p. 2040.

([55]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et*, il-Kawżi Magħquda minn C-78/08 sa C-80/08, EU:C:2011:550, punt 69.

([56]) Id-Deċiżjoni Nru 2012-238 QPC tal-20 ta' April 2012, *Journal officiel de la République française* tal-21 ta' April 2012, p. 7198.

esterni għas-sistema fiskali li ma jistgħux jintużaw fl-istadju tal-ġustifikazzjoni min-natura u l-ekonomija tas-sistema fiskali. Għalkemm l-għanijiet esterni għas-sistema jistgħu eventwalment jitqiesu fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' għajnuna, dawn ma jiġġustifikawx is-selettività ta' deroga u għaldaqstant, lanqas ma juru n-nuqqas ta' għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-Kunsill kostituzzjonali msemmija mill-partijiet interessati ma tikkonċernax id-deċiżjonijiet ministerjali li jeżentaw il-portijiet mit-taxxa korporattiva iżda tikkonċerna test leġiżlattiv li jeżenta ċerti attivitajiet sportivi minn taxxa li l-loġika intrinsika tagħha hija differenti minn dik tat-taxxa korporattiva.

(78) Il-Kummissjoni tqis għalhekk li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva mhijiex iġġustifikata min-natura u l-ekonomija tas-sistema fiskali Franċiża.

5.1.5. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ*

(79) Sabiex tiġi kkunsidrata bħala għajnuna mill-Istat, il-miżura għandha tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni u xxekkel jew thedded li xxekkel il-kompetizzjoni. Dawn iż-żewġ kriterji huma marbutin mill-qrib.

(80) Kif semmiet il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari fis-sentenza *Eventech* ([57]),

"65. […] skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat, hemm lok mhux li jiġi stabbilit effett reali tal-għajnuna fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, iżda biss li jiġi eżaminat jekk din l-għajnuna tistax taffettwa lil dan il-kummerċ u twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza *Libert et*, C-197/11 u C-203/11, EU:C:2013:288, il-punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66. B'mod partikolari, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ċerti impriżi meta mqabbla mal-pożizzjoni ta' impriżi kompetituri oħrajn fil-kummerċ intra-Komunitarju, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu li huma affettwati mill-għajnuna (ara, f'dan is-sens, sentenza *Libert et*, EU:C:2013:288, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67. F'dan ir-rigward, ma huwiex meħtieġ li l-impriżi benefiċjarji jipparteċipaw huma stess fil-kummerċ intra-Komunitarju. Meta Stat Membru jagħti għajnuna lil impriżi, l-attività interna tista' ssib ruħha miżmuma jew miżjuda, bil-konsegwenza li l-possibbiltajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jippenetraw is-suq ta' dan l-Istat Membru jonqsu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza *Libert et*, EU:C:2013:288, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jeżisti ebda limitu jew perċentwali li taħthom jista' jitqies li l-kummerċ bejn l-Istati Membri ma huwiex affettwat. L-ammont relattivament baxx ta' għajnuna jew id-daqs relattivament żgħir tal-impriża benefiċjarja ma jeskludux, *a priori*, l-eventwalità li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jkun affettwat (is-sentenza Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 81).

69. Għaldaqstant, il-kundizzjoni li l-għajnuna trid tkun ta' natura li tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, ma tiddependix fuq in-natura lokali jew reġjonali tas-servizzi ta' trasport ipprovduti jew mill-kobor tas-settur ta' attività kkonċernat (sentenza *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg*, EU:C:2003:415, punt 82)."

(81) Fis-sentenza *Wam* ([58]), hija enfasizzat b'mod partikolari dan li ġej:

"53 […] il-fatt li settur ekonomiku kien is-suġġett ta' liberalizzazzjoni fuq livell Komunitarju huwa ta' natura li jikkaratterizza effett reali jew potenzjali tal-għajnuna fuq il-kompetizzjoni, kif ukoll l-effett tagħha fuq il-kummerċ bejn Stati Membri (is-sentenza Cassa di Risparmio di Firenze et, imsemmi qabel, punt 142, u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Fir-rigward tal-kundizzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, għandu jitfakkar li l-għajnuna li tkun intiża li teħles lil impriża minn spejjeż li normalment kien ikollha ġġarrab fil-kuntest tal-ġestjoni kwotidjana tagħha jew tal-attivitajiet normali tagħha, bħala prinċipju, ixxekkel il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni (sentenzi tad-19 ta' Settembru 2000, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-156/98, Rec. p. I-6857, punt 30, u Heiser, imsemmi qabel, punt 55)."

([57]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015 *Eventech*, il-Kawża C-518/13, EU:C:2015:9, punti minn 65 sa 69;
([58]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 2009, *Il-Kummissjoni vs L-Italja u Wam*, il-Kawża C-494/06, EU:C:2009:272, punti 53 u 54.

(82) Madankollu, f'dan il-każ, il-benefiċċju fuq it-taxxa li jibbenefikaw minnu l-portijiet ikkonċernati jeħlishom minn spiża komuni li normalment kien ikollhom iġarrbu. Dan x'aktarx se ikun ta' vantaġġ għalihom meta mqabbla mal-portijiet Franċiżi u mal-portijiet barranin tal-Unjoni Ewropea li ma jibbenefikawx minn dan il-benefiċċju. Għalhekk, dan se jolqot il-kummerċ intra-Komunitarju u jxekkel il-kompetizzjoni.

(83) Teżisti kompetizzjoni fis-settur tal-portijiet u din hija aggravata min-natura u l-karatteristiċi li huma speċifiċi għat-trasport, l-aktar dak marittimu u dak permezz tal-passaġġi interni. Għalkemm nistgħu nikkunsidraw li l-portijiet jibbenefikaw minn monopolju legali sabiex joffru s-servizzi tal-portijiet fil-port li jħaddmu, is-servizzi tat-trasport li joffru huma, għall-inqas sa ċertu punt, f'kompetizzjoni ma' dawk offruti minn jew f'portijiet oħrajn kif ukoll minn entitajiet oħrajn li jipprovdu servizzi tat-trasport kemm fi Franza ([59]) kif ukoll fi Stati Membri oħrajn.

(84) Għalhekk, fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika ta' partijiet interessati dwar abbozz ta' Regolament fis-settur tal-portijiet, "il-partijiet ikkonċernati kollha enfasizzaw il-ħtieġa ta' kundizzjonijiet stabbli u ekwi […] għall-kompetizzjoni" bejn il-portijiet "fl-Unjoni (kompetizzjoni bejn il-portijiet) […]" ([60]). Bl-istess mod, il-portijiet, b'mod partikolari l-portijiet interni u b'mod aktar ġenerali t-trasport bl-ilma li jifformaw parti minnu, jinsabu f'kompetizzjoni ma' forom oħra ta' trasport. Sakemm ma tkun teżisti jew tista' teżisti l-ebda soluzzjoni oħra biex jinġarru oġġetti fir-reġjuni *extra*-Ewropej, il-miżura tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u jkollha impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati membri, anke għal dawk il-portijiet li jinsabu 'l bogħod mill-metropoli jew minn portijiet Ewropej oħrajn.

(85) Filwaqt li huwa minnu li l-attraenza ta' port hija bbażata fuq diversi parametri, b'mod partikolari l-konnessjonijiet tiegħu mal-hinterland ([61]), il-prezz tas-servizzi pprovudti mill-portijiet (taxxi tal-portijiet u royalties oħrajn imħallsa mis-sidien tal-vapuri) jikkostitwixxi element ta' kompetizzjoni relatata mal-portijiet ([62]). Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-awtoritajiet Franċiżi u ċerti partijiet interessati, il-fatt li dan l-element huwa xi ftit jew wisq importanti fir-rigward ta' elementi oħrajn tal-kompetizzjoni tal-portijiet, ma jikkonkludix li l-miżura inkwistjoni ma taffettwax il-kompetizzjoni minħabba li din il-miżura tista' tinfluwenza l-prezzijiet mitluba mill-portijiet u, barra minn hekk, taħt kundizzjonijiet ta' parità ġenerali, dan il-prezz se jiġi ddeterminat fl-għażla ta' rotta jew ta' soluzzjoni loġistika li ssir mis-sidien tal-vapuri, li tkun tinvolvi port minflok ieħor.

(86) Barra minn hekk, ta' min jinnota li l-portijiet Ewropej qegħdin ukoll f'kompetizzjoni biex jattiraw lill-operauri (jew lill-konċessjonarji) li jipprovdu lis-sidien tal-vapuri ċerti servizzi tal-portijiet, meta l-awtorità tal-portijiet ma tiggarantixxix dawn is-servizzi direttament. Il-livell tal-imposta meħtieġa mill-portijiet bi skambju mal-għoti ta' artijiet u infrastrutturi (għodda tal-portijiet) lill-konċessjonarji għandu wkoll rwol importanti fl-għażla ta' dawn tal-aħħar li joqgħodu f'port minflok f'ieħor u fl-għażla tal-mezzi li għandhom jintużaw. B'mod aktar ġenerali, il-portijiet jinsabu f'kompetizzjoni ma' operaturi ekonomiċi oħrajn fis-suq tal-finanzjament u tal-investiment; barra minn hekk, taħt kundizzjonijiet ta' parità ġenerali, il-miżura tagħti lill-portijiet vantaġġ għall-investituri, b'paragun ma' operaturi oħrajn li ma jibbenefikawx minn din il-miżura (dawn jirrappreżentaw investiment aktar attraenti).

(87) Barra minn hekk, peress li l-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi skema ta' għajnuna li tapplika għal portijiet differenti ħafna fir-rigward tad-daqs, tas-sitwazzjoni ġeografika, tat-tip (port intern, port marittimu) jew tal-attivitajiet tagħhom, sabiex jiġi stabbilit li l-miżura eżaminata hija għajnuna mill-Istat, mhemmx għalfejn jintwera b'mod individwali li din il-miżura twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u għandha effett fuq il-kummerċ għal kull port.

(88) F'dan ir-rigward, biżżejjed wieħed isemmi li l-awtoritajiet Franċiżi u l-partijiet interessati jaċċettaw li ċerti portijiet kbar bħall-portijiet ta' Havre, ta' Rouen jew ta' Marsilja qegħdin f'kompetizzjoni ma' portijiet oħrajn tal-Unjoni Ewropea, bir-riżultat li l-miżura taffettwa l-kummerċ u n-negozju. Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kummenti tal-port ta' Rotterdam.

([59]) B'mod partikolari, il-portijiet Franċiżi ma jibbenefikawx mill-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva. Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 51 ta' din id-Deċiżjoni.
([60]) Ara l-punt 2.1. tal-proposta għal Regolament dwar is-servizzi tal-portijiet. Ara wkoll il- Komunikazzjoni dwar Politika Ewropea għall-Portijiet COM/2007/0616 final, punt II.4.2.
([61]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Politika Ewropea għall-Portijiet COM/2007/0616 final, punt II.1.
([62]) Il-prezz tas-servizzi tat-trasport ipprovduti mill-portijiet spiss ikun jirrappreżenta parti sinifikanti mill-ispiża totali tat-trasport. Ara Il-portijiet tal-baħar Ewropej tal-2030: l-isfidi li għandna quddiemna, Memo tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Mejju 2013: "[l]-ispejjeż u l-kwalità tas-servizzi tal-portijiet huma fattur ewlieni għan-negozji Ewropej. L-ispejjeż tal-portijiet jistgħu jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-ispiża totali fil-katina loġistika. L-immaniġġar tal-merkanzija, il-ħlasijiet tal-portijiet u s-servizzi nawtiċi tal-portijiet jistgħu jammontaw għal bejn 40 % u 60 % tal-ispiża loġistika totali minn bieb sa bieb għan-negozji li jużaw it-tbaħħir fuq distanza qasira biex iġorru l-merkanzija."

(89) Barra minn hekk, il-fatt li jeżistu miżuri simili ta' għajnuna mill-Istat fi Stati Membri oħrajn u li l-imġiba tal-Kummissjoni dwar dawn il-miżuri possibbli ma taffettwax il-klassifikazzjoni tal-miżura kkonċernata bħala għajnuna mill-Istat ([63]), l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva tal-portijiet Franċiżi li għandhom bħala konsegwena t-tijib tas-sistwazzjoni kompetittiva tagħhom fir-rigward ta' sitwazzjoni ta' referenza li fiha huma jiġu ntaxxati taħt il-kundizzjonijiet normali tas-sistema tat-taxxa korporattiva ([64]). Bl-istess mod, l-eżistenza ta' rati differenti tat-taxxa korporattiva fl-Istati Membri hija biss konsegwenza tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-tassazzjoni diretta bejn l-Istati Membri u tirrifletti biss l-għażliet sovrana tal-Istati Membri biex jiffinanzjaw permezz tat-taxxi ċerti servizzi — jew ċertu livell ta' servizzi — lill-kontribwenti.

(90) Barra minn hekk, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ mhemmx għalfejn ikunu sensittivi jew sostanzjali. Għalhekk, il-fatt li t-traffiku tal-kompetizzjoni huwa baxx, minflok juri n-nuqqas ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, huwa jixhed li jeżisti rapport ta' kompetizzjoni xi ftit jew wisq intensiv bejn il-portijiet Franċiżi u portijiet oħrajn tal-Unjoni. Bl-istess mod, il-fatt li l-attività kumulattiva ta' portijiet żgħar Franċiżi tirrappreżenta biss 1 % tat-traffiku totali tal-Unjoni ma jfissirx li s-sehem tas-suq tagħhom f'suq wieħed jew aktar rilevanti għal analiżi tad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni huwa simili. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tal-11 ta' April 2016 imsemmija mill-awtoritajiet Franċiżi u l-partijiet interessati tikkonċerna l-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna għall-investiment, li timplika li l-mira inkwistjoni hija rikonoxxuta bħala għajnuna mill-Istat li għandha impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(91) Barra minn hekk, għalkemm il-"portijiet iż-żgħar" kif definiti minn Franza ([65]) jirrappreżentaw biss sehem żgħir tat-traffiku tal-Unjoni, il-fatt li l-impriża benefiċjarja hija ta' daqs żgħir ma jeskludix fih innifsu distorsjoni jew theddid ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern, b'mod partikolari meta l-attività tal-benefiċjarji tkun tinsab fiż-żoni tal-fruntiera. Il-kummenti tal-KKI ta' Bayonne Pays Basque, konċessjonarju tal-port tal-kummerċ ta' Bayonne u tal-port tas-sajd ta' Saint-Jean-de-Luz/Ciboure, "portijiet żgħar" skont id-definizzjoni proposta minn Franza, barra minn hekk juru l-perċezzjoni li dawn il-portijiet qrib fruntiera għandhom dwar l-eżistenza ta' kompetizzjoni transkonfinali effettiva ([66]). Għalkemm, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li f'ċerti każijiet ([67]), miżura vantaġġuża tista' ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri, din ma tibbażax biss fuq id-daqs tal-impriża benefiċjarja, iżda fuq evalwazzjoni individwali ta' diversi kriterji ([68]).

(92) Il-Kummissjoni ma teskludix il-fatt li, fil-każ partikolari ta' ċerti portijiet — dawk li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, b'mod partikolari — il-miżura inkwistjoni tista' titqies bħala li ma għandha l-ebda effett fuq il-kummerċ.

(93) Madankollu, għar-raġunijiet aktar sistematiċi msemmija hawn fuq, il-miżura eżaminata, bħala skema ta' eżenzjoni ġenerali mit-taxxa korporattiva għall-benefiċjarji kollha msemmija mid-deċiżjonijiet ministerjali tal-1942 u tal-1943, tolqot il-kummerċ fi ħdan l-Unjoni u xxekkel jew tista' xxekkel il-kompetizzjoni.

5.1.6. *Konklużjoni*

(94) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjoni mit-taxxa għall-portijiet awtonomi (li uħud minnhom saru portijiet marittimi kbar), il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jimmaniġġaw il-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE.

---

([63]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 1969, *Il-Kummissjoni vs Franza*, il-Kawżi Magħquda 6/69 u 11/69, EU:C:1969:68, punt 21. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1999, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, C-6/97, EU:C:1999:251, punt 21.

([64]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, 173/73, EU:C:1974:71, punt 36.

([65]) Il-portijiet li t-traffiku tagħhom huwa inqas mil-livell definit fil-paragrafu 2, punt (b) tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1) (jiġifieri 0,1 % tal-volum totali annwali tal-merkanzija li tgħaddi mill-portijiet marittimi tal-Unjoni).

([66]) Il-KKI tinnota li l-fatt li hija soġġetta għat-taxxa korporattiva jipperikola l-portijiet li hija tmexxi fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeografika transkonfinali tagħhom ma' Spanja u tal-prossimità tal-portijiet Spanjoli.

([67]) Ara wkoll id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' April 2015 fil-Kawżi SA.37432 Ir-Repubblika Ċeka — L-Isptarijiet pubbliċi ta' Hradec Králové,(ĠU C 203, 19.6.2015, p. 1), SA.37904 Il-Ġermanja — Iċ-Ċentru mediku ta' Durmersheim (ĠU C 188, 26.6.2015, p. 1), SA.33149 Il-Ġermanja — Städtische Projektgesellschaft "Wirtschaftsbüro Gaarden — Kiel" (ĠU C 188, 5.6.2015, p. 1).

([68]) Minn naħa l-attività ta' port benefiċjarju għandu jkollha dimensjoni purament lokali, pereżempju meta l-port jipprovdi oġġetti jew servizzi f'territorju limitat fi ħdan it-territorju nazzjonali u x'aktarx ma jattirax klijenti minn Stati Membri oħrajn. Min-naħa l-oħra l-miżura ma għandu jkollha l-ebda effet prevedibbli — jew effetti marġinali biss — fuq l-investimenti transfruntiera fis-settur ikkonċernat jew fuq l-istabbiliment ta' impriżi fis-suq uniku.

### 5.2. **Il-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq intern**

(95) L-Istat Membru kkonċernat huwa responsabbli biex juri li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat jistgħu jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq intern. Għalkemm l-awtoritajiet Franċiżi jirreferu biss, bħala l-bażi tal-kompatibbiltà tal-miżura, minn naħa għall-kumpens ta' ċerti kompiti mwettqa mill-portijiet, li jirreferi għall-Artikolu 106(2) TFUE, u min-naħa l-oħra għall-Artikolu 107(3)(a) TFUE, ċerti partijiet interassati jirreferu wkoll għall-Artikoli 93 (koordinazzjoni tat-trasport) u l-Artikolu 107(3)(b) TFUE (proġetti importanti ta' interess Ewropew).

(96) L-ewwel nett, l-Artikolu 106(2) TFUE, jipprevedi li kumpens għat-twettiq tal-kompiti ta' servizz pubbliku jista' jiġi ddikjarat kompatibbli mas-suq intern jekk ikun jissodisfa ċerti kundizzjonijiet ([69]). F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi u ċerti partijiet interessati jikkunsidraw li l-miżura inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern peress li hija tippermetti li jiġu kkumpensati ċerti kompiti ffinanzjati mill-portijiet li jaqgħu fil-prerogattivi ta' awtorità pubblika. Madankollu, il-Kummissjoni tirrimarka li l-miżura inkwistjoni, li tgħaqqad l-ammont tal-għajnuna mal-profitti mwettqa, mhijiex marbuta ma' u lanqas limitata għall-ispejjeż netti tal-kompiti ta' servizz pubbliku ([70]). Hija lanqas ma tirriżulta minn mandat ċar mogħti lill-benefiċjarji tal-miżura biex iwettqu dawn il-kompiti ([71]). Għaldaqstant, il-miżura ma tistax tiġi kkunsidrata bħala kumpens għal servizz pubbliku kompatibbli mas-suq intern u lanqas ma hija kompatibbli abbażi tal-Artikolu 106(2) TFUE.

(97) It-tieni, l-Artikolu 93 TFUE jinnota li l-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinazzjoni tat-trasport jew li tikkorrispondi għar-rimborż ta' ċerti piżijiet inerenti fil-prinċipju ta' servizz pubbliku tista' tiġi ddikjarata wkoll kompatibbli mas-suq intern. Jekk, kif jenfasizzaw ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet interni Franċiżi, il-portijiet interni jkollhom rwol importanti fl-iżvilupp tat-trasport multimodali, l-investimenti kollha tal-portijiet ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 93 TFUE, li huwa limitat għall-għajnuna li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-koordinazzjoni tat-trasport. Barra minn hekk, l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva ma tikkostitwixxix għajnuna għall-investiment iżda għajnuna operatorja li mhijiex immirata għall-investiment. Il-miżura tiffavorixxi l-impriżi li jagħmlu l-aktar profitt u li b'hekk għandhom kapaċità superjuri li jakkumulaw il-profitt u b'hekk li jiffinanzjaw l-investimenti. Il-miżura lanqas ma hija mmirata lejn ir-rimborż ta' ċerti piżijiet inerenti fil-prinċipju ta' servizz pubbliku kif imsemmi hawn fuq. Barra minn hekk, il-vantaġġ meħud minn eżenzjoni mit-taxxa pura u sempliċi mhuwiex limitat għall-ammont meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tat-trasport, u lanqas ir-rimborż ta' ċerti piżijiet inerenti fil-prinċipju ta' servizz pubbliku u b'hekk lanqas ma jiggarantixxi r-rispett tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan lanqas ma għandu effett ta' inċentiv identifikat b'mod ċar, b'mod partikolari minħabba li l-eżenzjoni tibbenefika aktar lill-portijiet l-aktar li jagħmlu profitt u li b'hekk għandhom l-aktar mezzi — u l-inqas bżonn ta' inċentivi. Għaldaqstant, l-Artikolu 93 TFUE mhuwiex applikabbli.

(98) It-tielet, skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE, l-għajnuna maħsuba għall-promozzjoni tat-twettiq ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew tista' tiġi ddikjarata wkoll bħala kompatibbli mas-suq intern. F'dan ir-rigward, ir-rappreżentanti tal-entitajiet tal-ġestjoni tal-portijiet interni Franċiżi jqisu b'mod ġenerali li l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Madankollu, għall-istess raġunijiet bħal dawk ta' hawn fuq, dan ir-raġunament ma jistax jiġi segwit. Il-miżura inkwistjoni mhijiex immirata lejn it-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew u mhijiex proporzjonata għall-ispejjeż ta' tali proġett. Dan jirrigwarda vantaġġ li jibbenefika lill-portijiet sempliċiment minħabba l-fatt li jagħmlu profitt, u l-fatt li jikkontribwixxu għal proġett importanti ta' interess komuni Ewropew li huwa indifferenti f'dan ir-rigward.

(99) Ir-raba', skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE, l-għajnuna maħsuba biex tiffavorixxi l-"iżvilupp ekonomiku […] tar-reġjuni msemmija fl-Artikolu 349 TFUE, b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni strutturali, ekonomika u soċjali tagħhom" tista' b'mod partikolari titqies bħala kompatibbli mas-suq intern. Din id-dispożizzjoni hija invokata mill-awtoritajiet Franċiżi u diversi partijiet interessati *extra*-Ewropej b'kunsiderazzjoni tal-portijiet *extra*-Ewropej. Madankollu, il-miżura inkwistjoni mhijiex immirata lejn ir-reġjuni inkwistjoni.

---

([69]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali — 2012/C 8/02 (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4). Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/21/UE tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3).

([70]) Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-Kawża C-74/16, *Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania vs Ayuntamiento de Getafe*, EU:C:2017:135, punt 75.

([71]) L-Artikolu L. 5312-2 tal-Kodiċi tat-Trasport, li jsemmi lista ta' kompiti li għandhom jitwettqu mill-portijiet, jikkonċerna biss lill-portijiet marittimi kbar. Dan ma jiddefinixxix il-parametri ta' kalkolu tal-kumpens, u lanqas tal-miżuri ta' salvagwardja biex jiġi evitat il-kumpens żejjed.

(100) Għalkemm il-miżura kienet tibbenefika biss lill-portijiet li jinsabu fir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 349 TFUE, hija mhijiex immirata lejn l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn ir-reġjuni lanqas lejn il-kumpens tas-sitwazzjoni strutturalment sfavorevola tagħhom peress li din sempliċiment tagħti vantaġġ settorjali lil tip partikolari ta' impriżi tas-settur tat-trasport, huma x'inhuma l-attivitajiet ta' dawn l-impriżi. Franza ma turix li l-miżura se jkollha impatt fuq l-ispiża tal-merkanzija importata u f'dan ir-rigward wieħed jista' jinnota li ċerti portijiet *extra*-Ewropej jiġġeneraw profitti, iħallsu dividendi lill-Istat ([72]) u b'hekk ikollhom *a priori* marġini biex inaqqsu l-ammont tad-drittijiet tal-port jekk dawn jitqiesu bħala żvantaġġ għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni kkonċernati; Għalhekk l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva jista' jkollha impatt fuq flussi finanzjarji differenti (l-aktar id-dividendi), mhux neċessarjament fuq l-ispiża tal-merkanzija importata. F'dan ir-rigward, Franza ma tappoġġax il-fatt li l-portijiet jinsabu f'sitwazzjoni partikolarment żvantaġġata meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jinsabu fir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 349. In-natura stess tal-miżura u l-operazzjoni tagħha (vantaġġ riżervat għal ċerti impriżi, mingħajr ma titqies l-attività tagħhom, proporzjonali għall-benefiċċji mwettqa milli għall-ħtiġijiet u mhux limitat għal għan definit li biex jintlaħaq jirrikjedi inċentiv finanzjarju) huma opposti b'mod ċar għad-dispożizzjonijiet fiskali tal-għajnuna operatorja msemmija mill-partijiet interessati u aċċettati mill-Kummissjoni. Il-miżuri ta' għajnuna fiskali għall-investiment jew il-VAT b'rata tat-taxxa żero huma miżuri ġenerali li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ikopri mingħajr diskriminazzjoni l-impriżi li jinsabu fir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 349 TFUE.

(101) Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-PMK ta' Gaudeloupe, ir-regolament ġenerali ta' eżenzjoni mill-kategoriji rivedut ([73]), li jkopri, sa ċertu punt, l-għajnuna operatorja għat-trasport *extra*-Ewropew, mhuwiex applikabbli għall-miżura inkwistjoni. L-Artikolu 15(4) tar-Regolament japplika biss għall-miżuri li l-ammont tagħhom huwa limitat għal ċerti indikaturi (valur miżjud gross, spejjeż tax-xogħol, fatturat), li mhuwiex il-każ ta' eżenzjoni mit-taxxa korporattiva.

(102) Konsegwentement, il-miżura eżaminata ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(a) TFUE.

(103) Il-ħames, għalkemm l-Artikolu 107(3)(c) TFUE ma ġiex invokat minn Franza, u lanqas mill-partijiet interessati, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-miżura inkwistjoni hijiex ta' natura li "tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi" mingħajr ma taffettwa l-kundizzjonijiet tal-kummerċ f'miżura kuntrarja għall-interess komuni. Għar-raġunijiet imsemmija diġà hawn fuq (nuqqas ta' proporzjonalità, nuqqas ta' effett ta' inċentiv u nuqqas ta' rabta ma' għan ta' interess ġenerali identifikat), madankollu l-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 107(3)(c) TFUE mhuwiex applikabbli.

(104) Finalment, għalkemm ċerti partijiet interessati jqisu li t-tneħħija tal-miżura se jkollha impatt fuq il-kapaċità tal-investiment tal-portijiet, il-Kummissjoni tenfasizza li l-miżura inkwistjoni mhijiex immirata lejn l-investimenti ([74]).

### 5.3. **Għajnuna eżistenti jew għajnuna ġdida**

(105) Skont l-Artikolu 1(b)(i) tar-Regoli ta' Proċedura, l-iskemi ta' għajnuna implimentati qabel id-dħul fis-seħħ tat-trattat li jikkostitwixxu skemi ta' għajnuna eżistenti.

(106) Billi l-eżenzjoni fiskali inkwistjoni daħlet fis-seħħ fl-1942 u ma ġietx immodifikata sostanzjalment minn dakinhar, il-Kummissjoni tqis li din il-miżura tikkostitwixxi skema ta' għajnuna eżistenti.

## 6. **DWAR IT-TALBIET GĦAL SOSPENSJONI TAL-PROĊEDIMENTI**

(107) Skont ir-rwol imperattiv mogħti lilha mill-Artikoli 107 u 108 TFUE, il-Kummissjoni għandha twaqqaf b'diliġenza l-għajnuna mill-Istat li titqies inkompatibbli mas-suq intern u tistabbilixxi mill-ġdid il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta.

---

([72]) Fl-2016, il-port marittimu kbir ta' Gaudeloupe kellu jħallas EUR 1,196 miljun (ara s-sentenza tat-18 ta' Frar 2016 ippubblikata fil-*Journal officiel de la République française*, Nru 0048, tas-26 ta' Frar 2016).

([73]) Ir-reviżjoni tar-Regolament ġiet ippubblikata fl-20 ta' Ġunju 2017 ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajnuna għal infrastruttura tal-port u tal-ajruport, livelli limitu ta' notifika għal għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju u għajnuna għall-infrastrutturi għall-isport u għar-rikreazzjoni multifunzjonali, u l-iskemi ta' għajnuna operatorja reġjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ispejjeż eliġibbli (ĠU L 156, 20.6.2017, p. 1).

([74]) Min-naħa l-oħra, miżuri oħrajn immirati lejn l-investimenti u li jissodisfaw il-kriterji ta' kompatibbiltà (b'mod partikolari l-eżistenza ta' interess ġenerali, ir-rilevanza u l-proporzjonalità tal-miżura), taħt ċerti kundizzjonijiet, jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern.

(108) Skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura, malli jitqajmu dubji mid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni finali. F'dan l-istadju tal-proċedura, jekk il-Kummissjoni tqis li għajnuna inkompatibbli tingħata lil ċerti impriżi, fil-prinċipju hija ma tistax tissospendi l-proċedura ta' għajnuna mill-Istat inkwistjoni jew tagħti perjodu tranżitorju. Barra minn hekk, dan iwassal biex il-ħlas tal-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern jiġi awtorizzat għal perjodu itwal, li lanqas ma huwa ġust fir-rigward tal-kompetituri li ma jirċevux għajnuna jew li jirċievu ammont inqas ta' għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-portijiet Netherlandiżi, li ilhom soġġetti għat-taxxa korporattiva mill-1 ta' Jannar 2017, jitolbuha biex tissoġġetta lill-portijiet Franċiżi għat-taxxa korporattiva malajr kemm jista' jkun.

(109) Kif intqal hawn fuq, l-eżistenza eventwali ta' għajnuna oħra mill-Istat lil portijiet oħra fi Stati Membri oħra ma tiġġustifikax sospensjoni tal-proċedura, li matulha l-għajnuna inkompatibbli tibqa' titħallas. Għandu jiġi enfasizzat li "l-effetti ta' diversi distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ma jħassrux lil xulxin iżda għall-kuntrarju jakkumulaw, u l-konsegwenzi dannużi għas-suq intern ikomplu jiżdiedu" ([75]). Barra minn hekk, is-sospensjoni tal-proċedura li telimina l-eżenzjonijiet ta' taxxa ta' port Franċiż se jttawwal id-distorsjonijiet attwali bejn il-portijiet tat-Tramuntana tal-Ewropa minħabba li l-portijiet Netherlandiżi eliminaw dawn il-vantaġġi fiskali mill-1 ta' Jannar 2017.

(110) Imbagħad, il-fatt li l-proċedura mibdija mill-Kummissjoni fil-każ tal-iskema fiskali tal-portijiet Netherlandiżi ([76]) kienet tkun itwal mill-proċedura fil-każ tal-portijiet Franċiżi huwa irrilevanti sabiex tiġi appoġġata talba għal perjodu tranżitorju f'din il-kawża. Il-Kummissjoni tindirizza l-każijiet kollha b'mod ġust u kull kawża fir-rigward tal-karatteristiċi tagħha stess. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tfittex li tidentifika d-dewmien tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha biex l-Istat Membru jkun jista' jimplimenta d-deċiżjoni fi żmien raġonevoli, skont iċ-ċirkostanzi, u mhux biex tippermetti lill-impriżi kkonċernati jibbenefikaw għal aktar żmien minn għajnuna ddikjarata inkompatibbli.

(111) Fl-aħħar nett, Franza ma tispeċifikax kif ir-reviżjoni tal-GBER u l-Proposta għal Regolament dwar is-servizzi tal-portijiet jirrikjedu s-sospensjoni tal-proċedura. Fi kwalunkwe każ, il-verżjoni riveduta tal-GBER — li ma tkoprix il-miżuri ta' eżenzjonijiet puri u sempliċi mit-taxxa korporattiva — ġiet adottata fis-17 ta' Mejju 2017. Fir-rigward tar-Regolament dwar is-servizzi tal-portijiet li ġie adottat fil-15 ta' Frar 2017 ([77]), dan ma għandux ikollu l-għan jew l-effett li jinfluwenza l-azzjoni tal-Kummissjoni bbażata fuq l-Artikoli 107 u 108 TFUE.

(112) Konsegwentement, mhemmx lok li tiġi sospiża l-proċedura.

## 7. DWAR IT-TALBIET TAL-PORTIJIET NETHERLANDIŻI

(113) Fir-rigward tat-talba tal-portijiet Netherlandiżi li l-obbligazzjoni tagħhom għat-taxxa korporattiva tiġi posposta, il-Kummissjoni tfakkar li din il-proċedura ma tikkonċernax il-portijiet Netherlandiżi iżda l-portijiet Franċiżi (***). Fid-deċiżjoni finali tagħha fil-Kawża SA.25338 li tirrigwarda l-portijiet Netherlandiżi ([78]), il-Kummissjoni rrifjutat ukoll li tipposponi l-obbligazzjoni tal-portijiet Netherlandiżi għat-taxxa korporattiva għall-istess raġunijiet ta' prinċipju bħal dawk esposti f'din id-deċiżjoni. L-obbligazzjoni tal-portijiet Netherlandiżi għat-taxxa korporattiva hija wkoll konsegwenza tad-dritt nazzjonali Netherlandiż u, fil-qafas tal-Artikolu 107 TFUE, il-Kummissjoni fl-ebda każ ma tista' tobbliga Stat Membru biex ibiddel il-leġiżlazzjoni tiegħu biex jagħti għajnuna mill-Istat lil ċerti operaturi.

## 8. KONKLUŻJONI

(114) L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva għall-entitajiet imsemmija fid-deċiżjonijiet ministerjali tal-11 ta' Awwissu 1942 u tas-27 ta' April 1943 (il-portijiet awtonomi — li uħud minnhom saru portijiet marittimi kbar, il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jimmaniġġaw il-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda), tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat eżistenti, li hija inkompatibbli mas-suq intern.

([75]) Sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Marzu 1977 fil-Kawża 78/76, *Steinike & Weinlig vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja*, EU:C:1977:52, punt 24.
([76]) Ara d-deċiżjoni finali fil-Kawża dwar l-għajnuna mill-Istat SA.25338 (ĠU L 113, 27.4.2016, p. 148).
([77]) Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).
([78]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Jannar 2016 dwar l-għajnuna SA.25338 (2014/C ex E 3/2008 ex CP 115/2004) — In-Netherlands — Corporate tax exemption for public undertakings (ĠU L 113, 27.4.2016, p. 148).

(115) Għalhekk, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet Franċiżi jneħħu l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva inkwistjoni u jissoġġettaw l-entitajiet inkwistjoni għat-taxxa korporattiva. Huwa meħtieġ li din il-miżura tiġi adottata qabel tmiem is-sena kalendarja attwali fid-data ta' din id-deċiżjoni u tapplika għad-dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi sa mhux aktar tard mill-bidu tas-sena fiskali wara l-adozzjoni tagħha.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva għall-portijiet awtonomi (li uħud minnhom saru portijiet marittimi kbar), il-kmamar tal-kummerċ marittimi, il-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija li jimmaniġġaw il-faċilitajiet tal-portijiet, il-muniċipalitajiet konċessjonarji ta' għodda pubblika li hija proprjetà tal-Istat fil-portijiet marittimi kif ukoll l-impriżi li huma setgħu jissostitwixxu għall-użu ta' din l-għodda, tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat eżistenti, li hija inkompatibbli mas-suq intern.

*Artikolu 2*

1. Franza hija obbligata tneħħi l-eżenzjoni mit-taxxa korporattiva msemmija fl-ewwel artikolu u tissoġġetta lill-entitajiet għat-taxxa korporattiva li għalihom tapplika din l-eżenzjoni.

2. Il-miżura li permezz tagħha Franza twettaq l-obbligi tagħha taħt il-paragrafu 1, għandha tiġi adottata qabel tmiem is-sena kalendarja attwali fid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni. Din il-miżura għandha tapplika għad-dħul iġġenerat minn attivitajiet ekonomiċi sa mhux aktar tard mill-bidu tas-sena fiskali wara l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika ta' din id-deċiżjoni, bil-miżuri li ttieħdu sabiex tkun konformi magħha.

*Artikolu 4*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Lulju 2017.

*Għall-Kummissjoni*
Margrethe VESTAGER
*Membru tal-Kummissjoni*